

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 169

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55
15 ta' Ġunju 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2012/C 169/01	Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2012 dwar it-tisħiħ tal-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażaġh	1
2012/C 169/02	Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2012 dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali	5
2012/C 169/03	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv	9
2012/C 169/04	Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2012 dwar il-kapaċità għall-impjieg tal-persuni ggradwati mill-edukazzjoni u t-taħriġ	11

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 169/05	Rata tal-kambju tal-euro	16
2012/C 169/06	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità li għaliha ma tressqet l-ebda applikazzjoni u li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Komunità għal prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur	17

MT

Prezz:
EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

V Avviżi

PROCĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Parlament Ewropew

2012/C 169/07	Avviż ta' reklutaġġ PE/158/S	18
---------------	------------------------------------	----

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 169/08	Sejħa għall-proposti – EACEA/20/12 – skont il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja – Implimentazzjoni tal-obiettivi strateġiċi Ewropej fl-Edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) (kooperazzjoni tal-partijiet interessati, esperimentazzjoni u innovazzjoni)	19
---------------	---	----

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 169/09	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel	25
---------------	--	----



IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

**Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2012 dwar it-tisħiħ tal-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-
żghażaġh**

(2012/C 169/01)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI
MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL:

WARA LI KKUNSIDRAW:

- Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għal kooperazzjoni fil-qasam taż-żghażaġh (2010-2018) li tappella għal appoġġ biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni taż-żghażaġh f'demokrazija rappreżentattiva u soċjetà ċivili fil-livelli kollha u fis-soċjetà inġenerali u wkoll biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tat-talenti u l-ħiliet intraprenditorjali taż-żghażaġh bil-ħsieb li jitjiebu l-impjegabbiltà u l-opportunitajiet ta' xogħol futur tagħhom u biex jiġu promossi l-iżvilupp personali, kapaċitajiet ta' apprendiment imtejba, il-ħiliet interkulturali, il-fehim u r-rispett tad-diversità kulturali kif ukoll l-iżvilupp ta' kompetenzi u ħiliet ġodda u flessibbli għal opportunitajiet ta' xogħol futuri.
- L-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattiva ewlenija tagħha "Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda" u "Żgħażaġħ Attivi", u speċjalment il-mira ewlenija dwar l-impjiegi (li għandha l-għan li tgħolli b'75 % r-rata tal-impjiegi tan-nisa u l-irġiel ta' bejn l-20 u l-64 sena, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni akbar taż-żghażaġh, ta' ħaddiema akbar fl-età u ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u permezz ta' integrazzjoni aħjar tal-migranti legali) u l-mira ewlenija dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ (titjib tal-livelli tal-edukazzjoni, b'mod partikolari bl-għan li jitnaqqsu r-rati tat-tluq bikri mill-iskola għal inqas minn 10 % u jiżdied is-sehem ta' persuni ta' bejn it-30 u l-34 sena li jkunu temmew edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti għal mill-inqas 40 %);
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar il-promozzjoni ta' Ġenerazzjoni Kreattiva: l-iżvilupp tal-kreattività u l-kapaċità innovattiva taż-żghażaġh permezz tal-espressjoni kulturali billi jiġi promoss aċċess usa' għall-kultura u l-espressjoni kulturali kemm permezz tal-edukazzjoni formali kif ukoll tat-tagħlim mhux formali, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet strutturati u strateġiċi fil-livell istituzzjonali u ta' politika;
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar il-Ħidma fil-Qasam taż-Żgħażaġħ "tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-ħidma fil-qasam taż-żghażaġh tkun inkorporata bis-sħiħ fl-inizjattiva Żgħażaġħ Attivi. Għandha tarma liż-żghażaġh, b'mod partikolari daww b'anqas opportunitajiet, bil-ħiliet rilevanti u l-kompetenzi ewlenin meħtieġa għas-soċjetà u l-ekonomija tal-2020".
- Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2011 dwar l-inkoraġġiment ta' forum ġodda u effettivi ta' parteċipazzjoni taż-żghażaġh kollha fil-ħajja demokratika fl-Ewropa li tirrikonnoxxi li ż-żghażaġh għandhom kontributi siewja għall-iżvilupp tas-soċjetà;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2011 dwar il-kompetenzi kulturali u kreattivi u r-rwol tagħhom fil-bini tal-kapital intellettwali fl-Ewropa;
- Id-Dikjarazzjoni mill-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012 li tappella għal sforzi biex jiġu stimulati l-impjiegi, speċjalment għaż-żghażaġh, inkluż billi jiġu promossi l-ewwel esperjenza ta' xogħol tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

JIRRIKONOXXU LI:

- L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja għadd konsiderabbli ta' sfidi, inklużi l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali li jwasslu għal tkabbir u progress insuffiċjenti, qgħad għoli taż-żghażaġh u opportunitajiet limitati għaż-żghażaġh, kif ukoll nuqqas ta' inklużjoni soċjali u koeżjoni;

- ir-rata ta' qgħad attwali taż-żgħażaġh fl-Ewropa li hija aktar minn 20 % hija d-doppju ta' dik għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u x'aktarx ikollha implikazzjonijiet serji fil-perijodu qasir u fit-tul għaż-żgħażaġh milqutin, inklużi żgħażaġh bi ħtiġijiet addizzjonali jew speċifiċi jew b'anqas oppor-tunijiet li jistgħu jkollhom kwalifiki limitati;
- hemm domanda li qed tikber għal kreattività, innovazzjoni, adattabbiltà u ħiliet ta' komunikazzjoni avvanzati fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali kif ukoll ħtieġa li jiġu żviluppatti l-ħiliet intraprenditorjali;
- il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fi proċessi demokratiċi formali bħal elezzjonijiet hija spiss aktar baxxa minn dik tal-popolazzjoni iġenerali.

JIKKUNSIDRAW LI:

- l-potenzjal kreattiv u innovattivi taż-żgħażaġh permezz tal-intraprenditorjat huwa wieħed mill-elementi kruċjali għall-ksib ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkuziv;
- l-edukazzjoni intraprenditorjali tista' tinkoraġġixxi liż-żgħażaġh ikollhom attitudni aktar pożittiva lejn l-edukazzjoni, ikollhom ambizzjonijiet oġhla għall-edukazzjoni u l-karriera futuri tagħhom, iħossu li huma jistgħu jikkontribwixxu għas-soċjetà u jkollhom prospetti aktar ottimisti dwar il-futur;
- l-involviment attiv taż-żgħażaġh fis-soċjetà, pereżempju permezz ta' ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh, attivitajiet volon-tarji u organizzazzjonijiet ċiviċi jista' jisfrutta l-kreattività u l-kapaċità innovattiva tagħhom u b'hekk iċ-ċittadinanza attiva tagħhom u jżid il-prospetti tagħhom għas-suq tax-xogħol u għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg indipendenti;
- it-tagħlim mhux formali u informali, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ formali huma indispensabbli għall-iżvilupp ta' kompetenzi u ħiliet għall-impjegabbiltà, għall-ksib ta' inkluż-joni aħjar taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà iġenerali;
- il-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh huma mezz għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompe-tenzi taż-żgħażaġh, inkluż taż-żgħażaġh b'anqas oppor-tunajiet;
- il-kisba ta' kompetenzi kulturali hija fundamentali għall-iżvi-lupp tal-kapital intellettwali taż-żgħażaġh u tippromwovi l-formazzjoni tal-kreattività tagħhom u l-kapaċità tagħhom ta' innovazzjoni;
- l-użu kreattiv taż-żgħażaġh tal-media soċjali għandu jiġi stimulat aktar, flimkien ma' sforzi biex isaħħu l-abbiltà tagħhom li jaċċessaw il-media u li jifhmu, jevalwaw b'mod kritiku, joħolqu u jikkomunikaw il-kontenut tal-media, bil-għan li jsaħħu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà iġene-rali, inkluż il-bini ta' kapital soċjali permezz tal-possibbiltà li l-komunitajiet u l-individwi jikkomunikaw online u fl-istess ħin is-soċjetà tibbenefika mill-kompetenzi u l-ħiliet tagħ-hom.

JAQBLU LI:

- il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol hija essen-zjali biex wieħed jibbenefika mill-potenzjal kreattiv u inno-vattivi tagħhom kif ukoll biex jiġu żgurati ċittadinanza attiva u inklużjoni soċjali;
- il-kreattività, il-kapaċità innovattiva u l-ħiliet intraprenditor-jali taż-żgħażaġh bħala għodod għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà, u żieda tal-impjegabbiltà għandhom jiġu promossi, permezz ta' finanzjament adattat u bl-iżvilupp ta' sħubijiet bejn is-setturi rilevanti li għandhom l-għan li jstimulaw l-innovazzjoni;
- il-kompetenzi u l-ħiliet miksuba permezz ta' tagħlim mhux formali u informali għandhom jiġu promossi aħjar u prefe-ribbilment jiġu vvalidati sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet taż-żgħażaġh u r-rwol futur tagħhom fis-suq tax-xogħol eż. bħala impjegati jew intraprendituri;
- l-inizjattivi taż-żgħażaġh - kif attwalment appoġġati mill-Programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni - huma strument importanti biex jispiraw u jappoġġaw intraprenditorjat kreattiv taż-żgħażaġh.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

- (1) jappoġġaw il-kreattività, il-kapaċità innovattiva u t-talent taż-żgħażaġh bil-għan li jiżguraw opportunitajiet suffiċjenti għall-iżvilupp personali u soċjali permezz ta' tagħlim mhux formali u informali, l-attivitajiet volon-tarji, iċ-ċittadinanza attiva, il-kooperazzjoni interkulturali u l-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh, pereżempju bl-iżgurar ta' finanzjament adatt u sostenibbli fejn possibbli;
- (2) jstimulaw is-sħubijiet strateġiċi bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-awtoritajiet fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali kif ukoll is-settur privat biex jorganizzaw proġetti u avvenimenti mmexxjin miż-żgħażaġh;
- (3) jiffaċilitaw u jtejbu r-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali;
- (4) jinkoraġġixxu inizjattivi biex jippromwovu l-koproprjeta maż-żgħażaġh dwar kwistjonijiet relatati maż-żgħażaġh permezz ta' djalogu fejn l-atturi kollha jistgħu jesprimu ideat biex jinvolvu liż-żgħażaġh fi proċeduri demokratiċi ta' teħid ta' deċizzjonijiet fil-livelli kollha;
- (5) jippromwovu u jxerrdu informazzjoni dwar il-kreattività, il-kapaċità innovattiva u t-talent taż-żgħażaġh permezz ta' skambju tal-aħjar Prattika.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- (1) jistabbilixxu grupp tematiku ta' esperti bil-parteċipazzjoni ta' esperti nazzjonali maħturin mill-Istati Membri skont il-prin-ċipju tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni u f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness bl-oġettiv li ġej:
- il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika dwar kif jiġu promossi l-kreattività u l-kapaċità innovattiva taż-żgħażaġh billi jiġu identifikati l-kompetenzi u l-ħiliet miksuba permezz ta' tagħlim mhux formali u informali rilevanti għall-impjegabbiltà;

- (2) jindirizzaw il-kreattività u l-kapaċità innovattiva taż-żgħażaġh kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva u l-inklużjoni soċjali tagħhom permezz tal-prijoritajiet tal-Programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni u, mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għadd-ejjin, possibbilment programmi u fondi eżistenti u futuri oħra tal-UE, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew;
- (3) jikkunsidraw iniedu riċerka dwar l-użu tal-media fir-rigward tal-parteċipazzjoni demokratika fil-livell nazzjonali u Ewropew sabiex jappoġġaw żieda fil-parteċipazzjoni demokratika permezz ta' komunikazzjoni mfassla apposta, favorevoli għaż-żgħażaġh u trasparenti;
- (4) jagħmlu l-aħjar użu mis-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 ⁽¹⁾ bil-ħsieb li ssir enfasi fuq il-mobbiltà libera u l-parteċipazzjoni sħiħa taż-żgħażaġh fis-soċjetà Ewropea; u jsaħħu l-għarfien tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE, il-koeżjoni u l-fehim reċiproku ta' xulxin.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- (1) tirrapporta lura lill-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ dwar ir-riżultati ta' dan il-grupp tematiku ta' esperti l-aktar tard sa tmiem l-2013;
- (2) ixxerred ir-riżultati tal-istudju li se jsir dwar "Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-Ħajja Demokratika fl-Ewropa", b'fokus speċjali fuq l-implikazzjonijiet possibbli tiegħu għall-impjegabbiltà taż-żgħażaġh;
- (3) jagħmlu proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali kif imħabbar fl-inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020 "Żgħażaġħ Attivi" u "Aġenda għal ħilet u impjegi ġodda".

⁽¹⁾ Soġġett għall-adozzjoni formali tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013), dok. 13478/11.

ANNEX

Prinċipji relatati mas-sħubija u l-funzjonament tal-grupp tematiku ta' esperti stabbilit mill-Istati Membri u l-Kummissjoni**Sħubija**

- Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-ħidma tal-grupp hija volontarja u l-Istati Membri jistgħu jissieħbu fiha fi x'ħin iridu.
- L-Istati Membri interessati li jipparteċipaw fil-ħidma tal-grupp tematiku ta' esperti ser jiżguraw li l-esperti nnominati jkollhom esperjenza rilevanti fil-livell nazzjonali u ser jiżguraw komunikazzjoni effettiva mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-Kummissjoni ser tikkoordina l-eżerċizzju tan-nominazzjoni.
- Il-grupp tematiku ta' esperti jista' jiddeċiedi li jistieden parteċipanti oħrajn: esperti indipendenti, partijiet interessati u rappreżentanti tal-pajjiżi terzi Ewropej.

Proċeduri ta' ħidma

- Il-grupp tematiku ta' esperti ser ikun responsabbli li jaħtar il-president jew il-kopresidenti tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-grupp ta' esperti. Huwa ser iħejji wkoll skeda ta' ħidma bil-ħsieb li jinkisbu riżultati konkreti u utli dwar is-suġġett mitlub.
 - Il-Kummissjoni ser tipprovdi tagħrif espert, kif ukoll appoġġ loġistiku u segretarjali għall-ħidma tal-grupp tematiku ta' esperti. Sakemm ikun possibbli, hija ser tappoġġa lill-grupp b'mezzi adatti oħrajn.
 - Il-grupp tematiku ta' esperti ser jiltaqa' fi Brussell b'ħala regola ewlenija, iżda jista' jorganizza laqgħat barra Brussell meta mistieden minn Stat Membru.
-

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2012 dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali

(2012/C 169/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JQIS LI:

— Id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità fuq l-internet tal-materjal kulturali tal-Istati Membri u l-konservazzjoni diġitali fit-tul tiegħu huma essenzjali biex jagħtu l-aċċess lil kulħadd għall-kultura u l-għarfien fl-era diġitali u biex jippromwovu r-rikkezza u d-diversità tal-wirt kulturali Ewropew.

— Il-materjal kulturali diġitalizzat huwa riżorsa importanti għall-industrija kulturali u kreattivi Ewropej⁽¹⁾. Id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità fuq l-internet tal-wirt kulturali tal-Istati Membri, meqjusa f'kuntest nazzjonali kif ukoll transkonfinali, jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi u għal kisba tas-suq uniku diġitali permezz ta' offerta dejjem tikber ta' prodotti u servizzi ġodda u innovattivi fuq l-internet.

— Hija meħtieġa azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jinħolqu sinerġiji bejn sforzi nazzjonali u biex jiġi żgurat li l-aċċessibilità fuq l-internet tal-wirt kulturali tal-Ewropa tilħaq massa kritika.

— Il-kuntest għall-isforzi ta' diġitalizzazzjoni u għall-kollaborazzjoni fil-livell Ewropew inbidel minn meta l-Kunsill adotta fl-2006 l-konklużjonijiet dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali⁽²⁾. Fl-2008 tnediet Europeana bħala punt ta' aċċess multilingwi komuni għall-wirt kulturali diġitali tal-Ewropa u l-aġenda għall-iżvilupp ulterjuri tagħha ġiet stabilita fl-2010 fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Europeana: il-passi li jmiss"⁽³⁾;

1. JILQA'

— ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali⁽⁴⁾ (2011/711/UE) bħala parti mill-Aġenda Diġitali għall-Ewropa⁽⁵⁾;

2. JIRRIKONOXXI

— l-isforzi li għaddejjin fl-Istati Membri biex il-materjal tal-istituzzjonijiet kulturali jiġi ddiġitalizzat u jsir disponibbli fuq l-internet, kif ukoll l-isforzi biex jiġi pprovdut finanzjament għad-diġitalizzazzjoni fi żmien ta' kriżi ekonomika;

— il-ħidma ta' valur imwettqa mill-Europeana, mill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri u l-aggregaturi nazzjonali li jikkontribwixxu għall-Europeana f'termini ta' kontenut u koordinazzjoni;

⁽¹⁾ Skont ir-Rapport tal-2010 dwar il-Kompetittività tal-Ewropa, l-industrija kreattiva jammontaw għal 3,3 % tal-PDG tal-UE u 3 % tal-impjiegi fl-UE.

⁽²⁾ ĠU C 297, 7.12.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 137, 27.5.2010, p. 19.

⁽⁴⁾ ĠU L 283, 29.10.2011, p. 39.

⁽⁵⁾ COM(2010) 245 final/2.

— li għalkemm sar progress fid-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali tal-Ewropa, huma meħtieġa aktar passi biex dan il-wirt jiġi ttrasformat f'assi dejjem għaċ-ċittadini u l-ekonomija tal-Ewropa fl-era diġitali;

3. JISSOTTOLINJA

— il-ħtieġa li tinħareġ ir-rikezza tal-wirt kulturali Ewropew fl-ambjent tal-internet u li jiġi promoss il-ħolqien ta' kontenut u servizzi ġodda fuq l-internet bħala parti mis-soċjetà tal-informazzjoni u l-ekonomija tal-għarfien;

— l-importanza kruċjali li tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tal-Europeana, inkluż f'termini ta' governanza u finanzjament, u l-ħtieġa li tiġi żviluppata aktar bħala punt ta' aċċess multilingwi komuni għall-wirt kulturali diġitali tal-Ewropa u riżorsa siewja għall-industrija kreattiva, b'mod partikolari bit-titjib fil-kwalità u l-varjetà tal-materjal kulturali diġitalizzat mill-kategoriji kollha (testi, materjal awdjoviżiv, oġġetti tal-mużewijiet, reġistri tal-arkivji eċċ.);

— il-ħtieġa għal sforz konġunt mill-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-promozzjoni tal-istandards tal-kwalità u dawk tekniċi għall-kontenut li jitpoġġa fl-Europeana;

— il-ħtieġa li titkompla l-ħidma fuq standards tekniċi għad-diġitalizzazzjoni u l-metadata, inkluż permezz tal-qafas tal-Europeana, kemm għall-benefiċċju tal-aċċessibilità kif ukoll tal-konservazzjoni fit-tul ta' materjal diġitali;

— il-viżjoni sottostanti ta' ħidma mas-sħab rilevanti kollha biex jiġi evitat "vojt iswed tas-seklu 20" fil-materjal disponibbli permezz tal-Europeana, u l-ħtieġa li aktar materjal li għadu mħares mid-drittijiet tal-awtur isir disponibbli fuq is-sit;

— il-ħtieġa għall-promozzjoni attiva ta' ftehimiet volontarji⁽⁶⁾ għad-diġitalizzazzjoni fuq skala kbira u l-aċċessibilità fuq l-internet ta' xogħlijiet li ma għadhomx fis-suq u li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprovdu għaċ-ċertezza legali meħtieġa f'kuntest nazzjonali u transkonfinali;

— li d-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità fuq l-internet tal-wirt kulturali tal-Ewropa għandhom jitwettqu b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

⁽⁶⁾ Fl-20 ta' Settembru 2011, Memorandum ta' Ftehim dwar il-Prinċipji Ewlenin dwar id-Diġitalizzazzjoni u d-Disponibilità ta' Xogħlijiet li ma għadhomx fis-Suq ġie ffirmat fi Brussell minn rappreżentanti ta' partijiet interessati, b'segwitu ta' djalogu għall-partijiet interessati sponsorjat mill-Kummissjoni.

4. JIEĦU NOTA TA'

- ir-rapport “The New Renaissance” ⁽¹⁾ mill-Grupp ta' riflessjoni (“Comité des Sages”) dwar it-tqegħid fuq l-internet tal-wirt kulturali tal-Ewropa, u tal-proposta leġislattiva reċenti tal-Kummissjoni dwar infrastrutturi tas-servizzi diġitali, inkluż dwar il-finanzjament ta' Europeana, bħala parti mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ⁽²⁾, kif ukoll il-proposti dwar xogħlijiet orfni ⁽³⁾ u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ⁽⁴⁾;

5. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

- jieħdu l-passi meħtieġa f'konformità mal-prijoritajiet deskritti fl-Anness sabiex:
 - jikkonsolidaw l-istrateġiji u l-miri tagħhom għad-diġitalizzazzjoni ta' materjal kulturali;
 - jikkonsolidaw l-organizzazzjoni tad-diġitalizzazzjoni u l-provvediment tal-finanzjament għad-diġitalizzazzjoni, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' sħubijiet pubbliku-privat;
 - itejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-aċċessibbiltà fuq l-internet u l-użu ta' materjal kulturali;
 - jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri tal-Europeana, inkluż bl-inkoraġġiment tal-istituzzjonijiet kulturali biex iġibu l-materjal kulturali diġitalizzat rilevanti kollu fis-sit;
 - jiżguraw il-konservazzjoni diġitali fit-tul;

waqt li jieħdu kont tal-livelli differenti ta' progress dwar, u l-approċċi lejn, id-diġitalizzazzjoni kif ukoll l-isforzi ġenerali ta' konsolidazzjoni fiskali li qed isiru fl-Istati Membri;

6. JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX

- tkompli tappoġġa l-Europeana bħala punt ta' aċċess multilingwi komuni għall-wirt kulturali diġitali tal-Ewropa f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2010 dwar l-Europeana;
- tiġbor, tanalizza u xxerred ir-riżultati u l-esperjenzi miksuba flivell nazzjonali u ta' Unjoni; kull sentejn tippreżenta fuq din il-bażi rapport dwar il-progress dwar id-diġitalizzazzjoni, l-aċċessibbiltà fuq l-internet u l-konservazzjoni diġitali;

- tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba inkluż dwar sħubijiet pubbliku-privat u standards għad-diġitalizzazzjoni;

7. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, LILL-KUMMISSJONI U LILL-EUROPEANA, FIL-QAFAS TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX

- ikompli, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2010 dwar Europeana, il-ħidma fuq il-pjan direzzjonali dwar il-kontenut għal Europeana, inkluż il-kapulavuri tal-wirt kulturali tal-Ewropa kif magħżulin fl-Istati Membri indiwidwali;
- joħloqu għarfien dwar l-Europeana fost il-pubbliku ġenerali;
- jippromwovu l-użu ta' materjal aċċessibbli permezz ta' Europeana u metadata relatata għal finijiet innovattivi b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;
- ikompli jiżviluppaw l-Europeana bħala punt ta' aċċess li jista' jintuża faċilment;
- jagħmlu progress konkret fid-diskussjonijiet dwar l-istruttura ta' governanza ta' Europeana.

⁽¹⁾ http://ec.europa.eu/information_society/activities/digital_libraries/comite_des_sages/index_en.htm

⁽²⁾ COM(2011) 665 final/3.

⁽³⁾ COM(2011) 289 final.

⁽⁴⁾ COM(2011) 877 final.

ANNEX

Azzjonijiet ta' prijorità u skeda indikattiva

L-iskeda ssuġġerita ta' attivitajiet u objettivi hija pjan direzzjonali indikattiv għall-ħidma tal-Istati Membri fis-snin 2012-15.

1. Jikkonsolidaw l-istrategġiji u l-miri tagħhom għad-diġitalizzazzjoni ta' materjal kulturali billi:

Jikkonsolidaw, sa tmiem l-2012, miri għad-diġitalizzazzjoni u ż-żamma jew, fejn adatt, iż-żieda fil-prijorità mogħtija lid-diġitalizzazzjoni
Jiżviluppaw, sal-2013, standards għall-għażla ta' materjal biex jiġi diġitalizzat u l-mod kif il-materjal jiġi ppreżentat fuq l-internet, u l-implimentazzjoni tal-istandards tekniċi biex jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-migrazzjoni tal-kontenut. Fir-rigward ta' materjal ta' dominju pubbliku, l-istandards għandhom jinkoraġġixxu l-aċċess l-aktar wiesa' possibbli għall-użu mill-ġdid u jinkoraġġixxu l-użu ta' marki tal-ilma invażivi jew miżuri ta' protezzjoni viżiva oħra li jnaqqsu l-possibbiltà ta' użu
Isaħħu l-monitoraġġ tal-progress fid-diġitalizzazzjoni biex tingħata ħarsa ġenerali f'livell nazzjonali u jikkontribwixxu għall-ħarsa ġenerali f'livell Ewropew
Jikkontribwixxu, sa tmiem l-2013, għall-valutazzjonijiet mill-Kummissjoni tal-progress tad-diġitalizzazzjoni u l-konservazzjoni diġitali f'livell Ewropew

2. Jikkonsolidaw l-organizzazzjoni tad-diġitalizzazzjoni u l-provvediment tal-finanzjament għad-diġitalizzazzjoni, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' shubbijiet pubbliku-privat billi:

Jinkoraġġixxu shubbijiet pubbliku-privat għad-diġitalizzazzjoni bejn istituzzjonijiet kulturali u msieħba privati, li jieħdu bħala punt ta' tluq il-kriterji spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/711/UE
Jagħmlu użu mill-Fondi Strutturali tal-UE, jekk ikun xieraq, biex jikkofinanzaw l-attivitajiet ta' diġitalizzazzjoni ⁽¹⁾
Jippromwovu miżuri biex jottimizzaw l-użu tal-kapaċità tad-diġitalizzazzjoni biex jiksbu ekonomiji tal-kobor, waqt li jikkonsidraw il-potenzjal tal-kollaborazzjoni transkonfinali

3. Itejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-aċċessibbiltà fuq l-internet u l-użu ta' materjal kulturali billi:

Jiżguraw li, fil-prinċipju, il-materjal fid-dominju pubbliku jibqa' fid-dominju pubbliku wara d-diġitalizzazzjoni, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali
Jippromwovu ftehimiet voluntarji mill-partijiet interessati u mekkaniżmi oħrajn li jiffaċilitaw id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibbiltà fuq l-internet ta' xogħlijiet li ma għadhomx fis-suq

4. Jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri tal-Europeana billi:

Jinkoraġġixxu kemm lil istituzzjonijiet kulturali kif ukoll lil pubblikaturi u detenturi tad-drittijiet oħra biex jagħmlu l-materjal diġitalizzat tagħhom aċċessibbli permezz tal-Europeana, waqt li jieħdu kont tal-miri indikattivi għall-kontribut minimu ta' kontenut lill-Europeana kif imniżżlin fl-Anness II għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/711/UE
Jagħmlu għażla wiesgħa ta' xogħlijiet u oġġetti ta' sinifikat kulturali u storiku aċċessibbli mill-Europeana, inklużi l-kapulavuri kif magħżulin fl-Istati Membri individwali
Jiffinalizzaw, sa tmiem l-2012, il-pjani direzzjonali biex jiddaħħal kontenut f'Europeana konformement mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2010, waqt li jieħdu kont tal-ħtieġa li materjal rilevanti, diġà diġitalizzat, jinġiebu f'Europeana
Jippromwovu l-aggregazzjoni f'livell nazzjonali billi, pereżempju, jistabbilixxu jew isaħħu aggregaturi nazzjonali u jikkontribwixxu għal aggregaturi transkonfinali għal Europeana
Jinkoraġġixxu l-użu tal-istandards komuni tad-diġitalizzazzjoni u l-użu sistematiku ta' identifikaturi permanenti

⁽¹⁾ Dawn il-konklużjonijiet ma jippreġudikawx in-negozjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Jinkoraġġixxu d-disponibbiltà mifruxa u bla ħlas tal-metadata li l-istituzzjonijiet kulturali jipprovdu lil Europeana għall-użu mill-ġdid u għal applikazzjonijiet innovattivi
Joħolqu għarfien dwar l-Europeana fost il-pubbliku ġenerali b'attenzjoni partikolari lit-tfal u ż-żgħażaġh

5. Jiżguraw il-konservazzjoni diġitali billi:

Jippromwovu u jsaħħu l-istrateġiji nazzjonali għall-konservazzjoni diġitali fit-tul, akkumpanjati minn pjanijiet ta' implimentazzjoni
Jiskambjaw informazzjoni bejniethom dwar strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni għall-konservazzjoni diġitali fit-tul
Jiżguraw il-kondizzjonijiet legali ta' qafas meħtieġa għall-konservazzjoni diġitali fit-tul f'termini ta' kkupjar multiplu u migrazzjoni ta' materjal kulturali diġitali min-naħa tal-istituzzjonijiet pubbliċi għall-finijiet ta' konservazzjoni, bl-osservanza sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u dik internazzjonali dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali
Jagħmlu l-arranġamenti legali meħtieġa għad-depożitu ta' materjal maħluq f'format diġitali biex tiġi ggarantita l-konservazzjoni tiegħu fit-tul
Iqisu l-iżviluppi fi Stati Membri oħra, meta jiġu biex jistabbilixxu jew jaġġornaw il-politiki u l-proċeduri għad-depożitu tal-materjal oriġinarjament maħluq f'format diġitali, sabiex jipprevjenu diverġenza wiesgħa fl-arranġamenti għad-depożitu.
Jiżguraw li jiġu prodotti metadata deskrittiva u teknika biżżejjed u identifikaturi permanenti bħala parti integrali mill-proċess ta' diġitalizzazzjoni jew fil-ħolqien ta' materjal b'oriġini diġitali

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv

(2012/C 169/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,

1. WAQT LI JFAKKRU:

1. fil-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport għall-2011-2014 ⁽¹⁾, adottat fl-20 ta' Mejju 2011, li enfażizza l-ġlieda kontra d-doping bħala tema ta' prijorità u li stabbilixxa Grupp ta' Esperti dwar l-antidoping,
2. fil-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Isport tal-11 ta' Lulju 2007 ⁽²⁾ li appellat lill-atturi kollha b'responsabbiltà għas-saħħa pubblika biex iqisu l-aspetti tar-riskju tad-doping, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2011 dwar l-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport ⁽³⁾, li ddikjarat li d-doping jibqa' theddida importanti għall-isport u li l-użu ta' sustanzi tad-doping minn atleti dilettanti joħloq perikoli serji għas-saħħa pubblika u tappella għal azzjoni preventiva, inkluż fiċ-ċentri tas-saħħa fiżika,
3. li l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-isport għandha tkun fil-mira, fost l-oħrajn, waqt li tiġi protetta l-integrità fiżika u morali tal-atleti nisa u rġiel, speċjalment l-iżgħar fosthom,

2. WAQT LI JIKKUNSIDRAW LI:

1. Id-doping fl-isport rikreattiv u f'ambjenti tal-isport rikreattiv bħaċ-ċentri tas-saħħa fiżika, huwa problema importanti fl-Istati Membri kollha tal-UE li:
 - thedded is-saħħa tal-utenti individwali tad-doping
 - thedded lil persuni fl-ambjent immedjat tal-utenti tad-doping
 - tagħmel il-ħsara lill-integrità tal-isport rikreattiv
 - hija marbuta ma' fenomeni soċjali negattivi, inklużi attivitajiet kriminali bħat-traffikar illegali ta' sustanzi tad-doping
 - b'mod partikolari taffettwa liż-żgħażgħ,
2. L-għarfien tad-doping fl-isport rikreattiv, li jinkludi l-ambitu u d-daqs tal-problema u miżuri effettivi tal-prevenzjoni, l-edukazzjoni, il-kontroll, is-sanzjonar u l-irkupru mill-abbuż ta' sustanzi, huwa limitat kemm flivell tal-UE kif ukoll flivell internazzjonali, ⁽⁴⁾

⁽¹⁾ ĠU C 162, 1.6.2011, p. 1.

⁽²⁾ dok. 11811/07.

⁽³⁾ dok. 5597/11.

⁽⁴⁾ Fost studji aktar reċenti dwar is-suġġett hemm il-proġetti tan-network rigward id-doping fl-isport rikreattiv ikkofinanzjati permezz tal-Azzjonijiet Preparatorji 2010 fil-qasam tal-isport, "Saħħa Fiżika Kontra d-Doping" u "Strateġija biex Jitwaqqfu l-Isterojdi".

3. Filwaqt li l-kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-ġlieda kontra d-doping fl-isports tal-elite hija żviluppata sew, il-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv, bejn l-Istati Membri tal-UE kif ukoll internazzjonalment, s'issa kienet limitata,

4. Il-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv m'għandhiex tiddevja l-attenzjoni mill-ġlieda kontra d-doping fl-isports tal-elite, iżda pjuttost tissupplimenta l-isforzi għall-iżgurar ta' ambjenti sportivi nodfa u siguri fil-livelli kollha,

5. Filwaqt li l-motiv ewlieni għall-użu tad-doping fl-isport tal-elite huwa t-tisħiħ tal-prestazzjoni, l-istudji juru li l-utenti tad-doping fl-isports rikreattiv għandhom ukoll firxa ta' motivi oħrajn, inklużi l-estetika, il-bini tal-fiduċja fihom infushom u li l-esperjenzar tal-ewforija mill-użu ta' sustanzi tad-doping, u l-problema tad-doping fl-isport rikreattiv għandhom għaldaqstant jinfehmu u jiġu ttrattati,

6. Filwaqt li l-Kodiċi Dinji Kontra d-Doping (il-Kodiċi) jiffoka fuq il-ġlieda kontra d-doping fl-isports tal-elite internazzjonali u nazzjonali, il-Kodiċi jiddikjara wkoll li xi Organizzazzjonijiet Nazzjonali Kontra d-Doping (NADOs) jistgħu jagħżlu li jittestjaw u japplikaw regoli kontra d-doping għal-livell rikreattiv jew il-kompetituri ewlenin, iżda li l-NADOs mhumiex meħtieġa li japplikaw l-aspetti kollha tal-kodiċi għal tali persuni u minflok jistgħu jistabbilixxu regoli nazzjonali speċifiċi għall-kontroll tad-doping għal kompetituri tal-livell mhux internazzjonali jew tal-livell mhux nazzjonali mingħajr ma jkun f'konflitt mal-Kodiċi ⁽⁵⁾,

3. JAPPELLAW LILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE BIEX:

1. Jinkoraġġixxu u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' programmi edukattivi, kampanji ta' informazzjoni jew miżuri preventivi oħra rigward id-doping fl-isport rikreattiv u kwistjonijiet relatati li jistgħu jiġu applikati mill-movimenti sportivi, mis-settur tas-saħħa fiżika, u mis-sistema edukattiva u s-settur tas-saħħa,

2. Jippromwovu kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-moviment sportiv u s-settur tas-saħħa fiżika, pereżempju permezz tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prevalenza u l-prevenzjoni u permezz tal-iżvilupp ta' proġetti konġunti, linji gwida u regolamenti fil-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv,

⁽⁵⁾ Kodiċi Dinji Kontra d-Doping, Aġenzija Dinjija Kontra d-Doping, 2009, p. 126 (Appendiċi I, Definizzjonijiet, Atletika).

3. Jinkoraġġixxu kondivizzjoni tal-informazzjoni u kooperazzjoni adegwata u effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali li jitrattaw aspetti tal-problemi ta' doping fl-isport rikreattiv u tal-investigazzjoni u s-sanzjonar ta' bejgħ illegali u ta' traffikar ta' sustanzi tad-doping, inklużi l-awtoritajiet responsabbli għall-isport, l-antidoping, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-awtoritajiet tal-pulizija u d-dwana,
4. Jippromwovu qafas ta' miżuri nazzjonali effettivi u adatti għall-investigazzjoni u s-sanzjonar tal-produzzjoni, it-traffikar, id-distribuzzjoni u l-pussess ta' sustanzi tad-doping fl-isport rikreattiv sabiex jirrestrinġu d-disponibiltà u l-użu ta' tali sustanzi, pereżempju permezz ta' miżuri ta' kontroll u miżuri relatati f'ambjenti rilevanti tal-isport rikreattiv bħaċ-ċentri tas-saħħa fiżika,
5. Jappoġġaw l-isforzi tal-WADA biex jiżviluppaw oqfsa effettivi ta' kooperazzjoni mal-Europol, l-Interpol, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, l-industrija farmaċewtika, u partijiet interessati internazzjonali rilevanti oħra sabiex jirrestrinġu d-disponibiltà ta' sustanzi tad-doping li jistgħu jintużaw kemm fl-isports tal-elite kif ukoll f'dak rikreattiv,
4. JAQBLU LI:
- Jestendu l-mandat tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Antidoping stabbilit taħt il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2011-2014 biż-żieda, filwaqt li jenfasizzaw li għandha tingħata prijorità lill-azzjonijiet deskritti fil-Pjan ta' Ħidma relatati mal-kontribut tal-UE għall-proċess ta' revizzjoni tal-Kodiċi Dinji dwar l-Antidoping, tal-azzjoni li ġejja: Biex jiġbru, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, l-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv fl-Istati Membri tal-UE, fost oħrajn fir-rigward tal-prevenzjoni, l-edukazzjoni, il-kontroll u miżuri relatati kif ukoll l-irkupru mill-abbuż ta; sustanzi, u abbażi ta' dan, sal-aħħar tal-2013, biex jippreżentaw sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.
5. JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:
1. Abbażi tal-ħidma preċedenti f'dan il-qasam tibda studju bl-għan li tiżviluppa l-bażi tal-evidenza għal politiki maħsubin għall-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv, inkluż permezz tal-ġbir tal-informazzjoni dwar l-użu ta' sustanzi tad-doping fl-isport rikreattiv fl-Istati Membri tal-UE,
 2. Tippromwovi u tappoġġa l-kondivizzjoni tal-aħjar prattiki fl-UE rigward il-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreattiv, fost l-oħrajn permezz tal-appoġġ għall-kampanji ta' għarfien pubbliku transnazzjonali u d-disseminazzjoni tar-riżultati tal-proġetti rigward il-ġlieda kontra d-doping appoġġata permezz tal-Azzjonijiet Preparatorji fil-qasam tal-isport kif ukoll ir-riżultati ta' kwalunkwe proġett rigward id-doping fl-isport rikreattiv li għandhom jiġu appoġġati fil-futur, partikolarment fir-rigward ta': Il-kondivizzjoni tal-aħjar prattiki tista' tkun dwar:
 - L-edukazzjoni, l-informazzjoni u t-tqajjim ta' għarfien pubbliku
 - L-ittestjar għal sustanzi tad-doping fl-isport rikreattiv
 - It-trattament u l-irkupru mill-abbuż tad-doping fl-isport rikreattiv
 - It-tikkettar u l-ikkontrollar tal-kontenut f'supplimenti nutrittivi sabiex jiġi evitat it-teħid involontarju ta' sustanzi tad-doping
 - Il-miżuri leġislattivi li wrew li huma effettivi fit-trattar tad-doping fl-isport rikreattiv fi Stati Membri individwali tal-UE.

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2012 dwar il-kapaċità għall-impjieġ tal-persuni ggradwati mill-edukazzjoni u t-taħriġ

(2012/C 169/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

implimentattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jikber l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh.

WARA LI JIKKUNSIDRA:

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020")⁽¹⁾, li minħabba l-importanza li titjieb il-kapaċità għall-impjieġ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jintlaħqu l-isfidi attwali u futuri tas-suq tax-xogħol stiednu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal punt ta' riferiment Ewropew possibbli f'dan il-qasam.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tat-18 ta' Novembru 2010 dwar il-prijoritajiet għall-kooperazzjoni Ewropea msaħħa fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-perijodu 2011-2020⁽²⁾, li enfasizzaw li l-pajjiżi għandhom jippromwovu sħubiji bejn dawk li joffru l-edukazzjoni u t-taħriġ, sħab soċjali u partijiet interessati rilevanti oħrajn sabiex jiġi żgurat trasferiment aħjar ta' informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u biex jiġi pprovdut taqqigħ aħjar bejn dawk il-ħtiġijiet u l-iżvilupp tal-għarfien, ħiliet u kompetenzi.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2011 dwar irwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020⁽³⁾, li enfasizzaw l-importanza għaż-żieda fl-impjegabbiltà tat-tranżizzjoni lejn sistemi ta' kwalifiki bbażati fuq ir-riżultati tat-tagħlim u validazzjoni akbar ta' ħiliet u kompetenzi miksuba f'kuntesti mhux formali u informali.

— L-inizjattiva ewlenija ta' Ewropa 2020 "Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjieġi: Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjieġi", li hija mmirata biex iżżid il-prestazzjoni tal-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ u biex iż-żgħażaġh ikomplu jiġu attrezzati bil-ħiliet u kompetenzi rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

— Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2011 dwar il-promozzjoni tal-impjieġi taż-żgħażaġh għall-kisba tal-objettivi ta' Ewropa 2020⁽⁴⁾, li enfasizzaw li l-Fond Soċjali Ewropew għandu rwol importanti fit-titjib tal-prospetti ta' impjieġ u l-livelli tal-ħiliet ta' żgħażaġh u l-linji ta' politika

— Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011 dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja⁽⁵⁾, li appellaw għal sforzi sabiex jissaħħu r-rabtiet bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, min iħaddem u l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol sabiex jittieħed aktar kont tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fil-programmi ta' studju, sabiex jitjieb it-tqabbil bejn il-ħiliet u l-impjieġi, u sabiex jiġu żviluppatti politiki tas-suq tax-xogħol attivi bl-għan li jippromwovu l-impjieġ tal-persuni ggradwati.

— L-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012⁽⁶⁾, li appella lill-Istati Membri biex b'mod partikolari jappoġġaw l-impjieġ ta' żgħażaġh, inkluż billi jiġu promossi kuntratti ta' kwalità ta' apprendistati u ta' taħriġ u billi s-sistemi tal-edukazzjoni u ta' taħriġ jiġu adattati biex jirriflettu l-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u d-domanda ta' ħiliet.

— Id-Dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012⁽⁷⁾, li tappella għal sforzi biex jiġi stimolat l-impjieġ, speċjalment għaż-żgħażaġh, inkluż billi tiġi promossa l-ewwel esperjenza tagħhom tax-xogħol u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, bil-għan li jiġi żgurat li fi żmien fit xhur minn meta joħorġu mill-iskola, iż-żgħażaġh jirċievu offerta ta' impjieġ ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat, jew taħriġ għax-xogħol.

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

— Huwa essenzjali aktar minn qatt qabel li nagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh Ewropej biex jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa sabiex tiġi żgurata it-tranżizzjoni faċli lejn is-suq tax-xogħol u biex jiżviluppaw aktar il-prospetti tal-karriera tagħhom, hekk kif l-għadd ta' dawk iż-żgħażaġh li qed ifittxu impjieġ jibqa' jiżdied b'rata mgħaġġla.

— Il-kriżi ekonomika attwali tenfassizza l-importanza tat-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol. Huwa kruċjali li iż-żgħażaġh joħorġu mill-iskola u t-taħriġ bl-aqwa appoġġ possibbli biex jiksbu l-ewwel impjieġ tagħhom. Iż-żgħażaġh li jiffaċċjaw il-qgħad jew tranżizzjoni bil-mod jistgħu jesperjenzaw effetti negattivi fuq perijodu fit-tul f'termini ta' suċċess futur fis-suq tax-xogħol, ta' introjtu jew ta' bini ta' familja. Dan jista' min-naħa tiegħu jipperikola l-investment pubbliku jew privat fl-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom, li

⁽¹⁾ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

⁽²⁾ ĠU C 324, 1.12.2010, p. 5.

⁽³⁾ ĠU C 70, 4.3.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ 11838/11.

⁽⁵⁾ ĠU C 372, 20.12.2011, p. 36.

⁽⁶⁾ 17229/11 + ADD 1, 2 u 3.

⁽⁷⁾ SN 5/12.

juwassal ftelf għas-soċjetà b'mod ġenerali. Dan huwa partikolarment minnu fil-kuntest tal-isfidi demografiċi, li jagħmlu pressjoni akbar fuq iż-żgħażaġh Ewropej, li kull ma jmur qegħdin jonqsu fin-numru, biex jintegraw b'mod rapidu u effettiv fis-suq tax-xogħol.

- Iż-żieda ta' punt ta' riferiment ⁽¹⁾ dwar il-porzjon ta' persuni ggradwati impjegati ⁽²⁾ li jiffoka fuq it- tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ lejn is-suq ta' xogħol tippermetti li jitwettqu skambji ta' politika fil-qafas "ET 2020" dwar il-miżuri biex tiżdied il-kapaċità għall-impjieg ta' persuni ggradwati.

WAQT LI JQIS LI:

- Il-porzjon ta' persuni ggradwati impjegati - jiġifieri, il-porzjon tal-popolazzjoni impjegata ta' bejn 20 u 34 sena li ggradwa sena, sentsen jew tliet snin qabel is-sena ta' referenza u li mhux attwalment irreġistrat f'xi attività ta' edukazzjoni jew taħriġ avanzat – naqas bi kważi 4,5 punti perċentwali bejn l-2008 (81 %) u l-2010 (76,5 %).
- Diġà hija disponibbli biżżejjed data li tippermetti l-monitoraġġ tal-kapaċità għall-impjieg tal-persuni ggradwati mill-edukazzjoni u t-taħriġ, mingħajr ma jinħolqu piżijiet u spejjeż amministrattivi addizzjonali għall-Istati Membri jew għall-Eurostat ⁽³⁾.

JIRRIKONOXXI LI:

- Il-kapaċità għall-impjieg – jiġifieri, it-tgħaqqud ta' fatturi li jippermettu li l-individwi jagħmlu progress lejn jew jidħlu fl-impjieg, jibqgħu fl-impjieg u jagħmlu progress matul il-karriera tagħhom – huwa kunċett kumpless, li jinvolvi mhux biss il-karatteristiki, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-motivazzjoni ta' kull individwu, iżda wkoll fatturi oħra esterni li jaqgħu lil hinn mill-ambitu tal-politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, bħal ma huma regolamenti tas-suq tax-xogħol, id-demografija, l-istruttura tal-ekonomija u s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali.
- It-tisħiħ tal-kapaċità għall-impjieg huwa ta' interess għal-linji ta' politika għall-awtoritajiet pubbliċi kollha, inkluż dawk responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ u għall-impjieg. Fil-livell Ewropew, hija kwistjoni ta' rilevanza għall-istrateġija Ewropa 2020 u l-qafas "ET 2020".

⁽¹⁾ Kif muri fil-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ tas-sena 2009, dan huwa livell ta' riferiment tal-pres-tazzjoni medja Ewropea li m'għandux jiġi kkunsidrat bħala mira konkreta li kull pajjiż li għandu jilħaq, iżda pjuttost bħala mira kollettiva li l-Istati Membri huma mistiedna jikkontribwixxu għall-ksib tagħha (ĠU C 119, 28.5.2009, p. 7).

⁽²⁾ Għall-fini ta' dan it-test, it-terminu "gradwat" jirreferi għal kwalunkwe persuna li telqet mill-edukazzjoni u t-taħriġ b'tal-inqas kwalifiki sekondarji għolja jew postsekondarji, nonterzjarji (ISCED 3 sa ISCED 4, eskluż ISCED 3 C qasir), jew bi kwalifiki terzjarji (ISCED 5 u 6).

⁽³⁾ Lejn Punt ta' Riferiment dwar il-Kontribut tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ għall-Kapaċità għall-Impjieg: (Nota metodoloġika EUR 24616 EN 2011).

- L-appoġġ tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-kapaċità għall-impjieg taż-żgħażaġh huwa parzjalment kopert mill-miri ewlenin rilevanti tal-Ewropa 2020 u l-punti ta' riferiment "ET 2020" eżistenti, bħal ma huma dawk dwar il-kisba ta' edukazzjoni terzjarja, dawk li jħallu l-edukazzjoni u t-taħriġ kmieni, il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja u ta' dawk li għandhom riżultati baxxi fil-qari, il-matematika u x-xjenza.

- Madankollu, it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għall-impjieg għandha mhix indirizzata, fil-qafas ta' monitoraġġ attwali. F'din il-fażi, il-kontribut tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-kapaċità għall-impjieg tal-persuni ggradwati jista' jsir pereżempju permezz ta' gwida u għoti ta' pariri relatati mal-karriera, permezz ta' rabiet aktar qawwjin bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ u l-partijiet interessati rilevanti, permezz tal-allinjament tal-kurrikulu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, permezz tat-tisħiħ tal-edukazzjoni dwar l-intraprenditorija, permezz ta' esperjenzi qosra ta' xogħol f'kumpanniji, permezz ta' informazzjoni aktar trasparenti dwar l-eżiti tat-tagħlim u permezz ta' linji ta' politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ li jirrispondu aħjar u li jirriflettu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u billi ż-żgħażaġh kollha jiġu mħeġġa jkomplu l-istudji tagħhom lil hinn mill-edukazzjoni sekondarja għolja. Għandha tingħata attenzjoni wkoll għall-kapaċità għall-impjieg taż-żgħażaġh bi bżonnijiet speċjali fis-suq tax-xogħol.

- L-iżvilupp ta' punt ta' riferiment Ewropew dwar il-porzjon ta' persuni ggradwati impjegati jgħin fl-identifikazzjoni ta' linji ta' politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ li jtejjbu t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ u x-xogħol u jgħin iżid is-suċċess fl-impjieg. Punt ta' riferiment Ewropew li jkejjel il-porzjon tal-persuni ggradwati impjegati, akkumpanjat mill-analiżi rilevanti dwar l-aspetti kwalitattivi bħat-tqabbil bejn il-forniment ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi u l-okkupazzjoni miksuba sa tliet snin wara l-gradwazzjoni, jgħin ukoll biex tissaħħa il-kooperazzjoni Ewropea dwar linji ta' politika fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jiffokaw fuq it- tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol. Huwa jgħin fil-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri lejn kapaċità għall-impjieg miżjuda ta' persuni ggradwati, kif ukoll jidentifika eżempji ta' prassi tajba u jappoġġa l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' tagħlim bejn il-pari.

JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI:

filwaqt li jieħu kont tas-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri individwali,

- (1) Jadottaw miżuri fil-livell nazzjonali bil-għan li jżidu l-kapaċità għall-impjieg ta' persuni ggradwati li joħorġu mis-sistema edukattiva u tat-taħriġ, bil-ħsieb li jinkiseb il-punt ta' riferiment Ewropew kif deskritt fl-Anness meħmuż, filwaqt li jiġi promoss ukoll it-tqabbil bejn il-kisba edukattiva u l-okkupazzjoni.

(2) Abbażi tas-sorsi u l-għodod disponibbli, iwettqu monitoraġġ tal-porzjon ta' persuni ggradwati impjegati mill-edukazzjoni u t-taħriġ, bil-ħsieb li jsaħħu l-bażi ta' evidenza għall-iżvilupp ta' politika dwar l-interfaċċja bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ minn naħa, u x-xogħol min-naħa l-oħra, kif deskritt fl-Anness.

(3) Jippromowov l-implimentazzjoni u l-użu tal-programmi, l-għodod u l-oqfsa tal-UE imfassla biex jappoġġaw il-kapaċità għall-impjieg, il-mobbiltà u t-tagħlim tul il-ħajja, inklużi l-Europass, il-Youthpass, il-QEK, l-ECTS, l-ECVET u l-EQAVET.

(4) Itejbu l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u t-taħriġ u l-partijiet interessati rilevanti fid-dinja tax-xogħol fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, bil-ħsieb li jiġu promossi l-apprendistati, l-internati u l-postazzjonijiet f'kumpanniji matul l-aktar fażi bikrija tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

(1) Teżamina, b'mod partikolari permezz tal-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ u r-Rapport Konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku "ET2020", il-livell li għandu jintlaħaq mill-punt ta' riferiment Ewropew.

Il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-punt ta' riferiment Ewropew fir-rigward ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni, għalkemm dan il-grupp fil-mira mhux inkluż fl-oġettiv stabbilit.

(2) Issaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea dwar l-iżvilupp ta' politika fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-kapaċità għall-impjieg permezz tal-analiżi u l-monitoraġġ ta' tali edukazzjoni u taħriġ, inkluż billi:

— jiġi eżaminat l-impatt speċifiku ta' linji ta' politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol;

— tiġi analizzata l-kwalità tal-ewwel impjiegi billi jitqabblu aħjar il-kisba edukattiva u l-kontenut tal-impjieg, inkluż it-tqabbil bejn il-forniment ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi u l-okkupazzjoni segwita matul l-ewwel tliet snin fis-suq tax-xogħol.

(3) Tikkoopera mill-qrib ma' istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-ILO, l-OECD u l-UNESCO, sabiex jiġu skambjati l-analiżi u l-kompetenza esperta dwar it-tranżizzjoni tal-persuni ggradwati għas-suq tax-xogħol.

U JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

(1) Jiġbru informazzjoni kwalitattiva u eżempji ta' prassi tajba bil-għan li jiġi kkomplimentat il-monitoraġġ kwantitattiv u tissaħħaħ il-bażi tat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza, bl-użu ta' prinċipalment sorsi eżistenti, inkluż l-arranġamenti ta' rappurtaġġ "ET2020".

(2) Jidentifikaw eżempji ta' prattika tajba fl-Istati Membri rigward it-tranżizzjoni bla xkiel mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol bl-istabbiliment ta' grupp ta' esperti dwar it-tranżizzjoni tal-persuni ggradwati mill-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol, biex b'hekk isir kontribut għall-prijoritajiet tal-"ET2020". Il-grupp għandu jikkonsisti minn esperti nazzjonali maħtura mill-Istati Membri u esperti li jirrappreżentaw l-imsieħba soċjali rilevanti maħtura mill-Kummissjoni, u għandu, fir-rigward debitu tas-sussidjarjetà:

(i) jeżamina kif għandhom jiġu inkorporati aktar elementi prattiċi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, pereżempju, permezz tat-tagħlim applikat jew l-edukazzjoni doppja, bħala mod biex tittejjeb il-kapaċità għall-impjieg tal-persuni ggradwati;

(ii) iqis – f'kollaborazzjoni mill-qrib Grupp tal-Indikaturi tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Punti ta' Referenza – l-aktar indikaturi adatti għall-monitoraġġ ta' liema politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jgħinu biex tiżdied il-kapaċità tal-impjieg tal-persuni ggradwati;

(iii) jirrapporta lill-Kunsill dwar l-eżiti tal-ħidma tiegħu sal-aħħar tal-2014 fir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku "ET2020".

(3) Jiżviluppaw, f'kooperazzjoni mal-korpi adatti fl-oqfsa tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-impjiegi (inkluż il-Kumitat tal-Impjiegi), attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari dwar il-fażi ta' tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol.

ANNEX

Livell ta' riferiment tal-prestazzjoni medja Ewropea**("Punt ta' riferiment Ewropew")****dwar il-porzjon ta' persuni ggradwati impjegati mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ**

Bħala mezz ta' monitoraġġ tal-progress u tal-identifikazzjoni tal-isfidi, kif ukoll ta' kontribut għat-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza, fl-2009 l-Istati Membri qablu li l-livelli ta' riferiment tal-prestazzjoni medja Ewropea ("punti ta' riferiment Ewropej") għandhom jappoġġaw l-oġġettivi msemmija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill li huma adottaw fit-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-koooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ⁽¹⁾. Dak iż-żmien intlaħaq fehim dwar ħames punti ta' riferiment Ewropej u tressqet talba lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti dwar aktar punti ta' riferiment, inkluża waħda fil-qasam tal-kapaċità għall-impjiegi.

Wara li eżaminaw il-proposti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2011⁽²⁾, l-Istati Membri issa jaqblu wkoll dwar il-punt ta' riferiment li ġej dwar il-porzjon ta' persuni ggradwati impjegati mill-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-punt ta' riferiment jikkomplementa dawk diġà adottati f'Mejju 2009 u dak dwar il-mobbiltà tat-tagħlim adottat mill-Kunsill f'Novembru 2011⁽³⁾. Proprijament, dan għandu jkun ibbażat biss fuq id-data komparabbli eżistenti. Dan għandu jieħdu kont tal-punti ta' tluq differenti tal-Istati Membri individwali u l-possibbiltajiet varji li huma għandhom għat-titjib tal-prestazzjoni permezz tal-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ. Huwa m'għandux jiġi kkunsidrat bħala mira konkreta għal pajjiżi individwali li għandha tintlaħaq sal-2020. Pjuttost, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw, fuq il-bażi ta' prijoritajiet nazzjonali u filwaqt li jieħdu kont ta' ċirkostanzi ekonomiċi li qegħdin jinbidlu, kif u safejn huma jistgħu jikkontribwixxu għall-ksib kollettiv tal-punt ta' riferiment Ewropew fil-qasam deskritt hawn taħt permezz ta' azzjonijiet nazzjonali.

Punt ta' riferiment dwar il-porzjon ta' persuni ggradwati impjegati mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ

Il-kapaċità għall-impjiegi - jiġifieri, it-tgħaqqid ta' fatturi li jippermettu li l-individwi jagħmlu progress lejn jew jidħlu fl-impjiegi, jibqgħu fl-impjiegi u jagħmlu progress matul il-karriera tagħhom – huwa kunċett kumpless, li jinvolvi mhux biss il-karatteristiċi, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-motivazzjoni ta' kull individwu, iżda wkoll fatturi oħra esterni li jaqgħu lil hinn mill-ambitu tal-politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, bħal ma huma regolamenti tas-suq tax-xogħol, id-demografija, l-istruttura tal-ekonomija u s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali.

Fuq dan l-isfond, u bil-ħsieb li jiġi enfazzzjat dak li l-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jagħmlu biex iżidu s-suċċess fl-impjiegi u biex tiżdied il-kapaċità għall-impjiegi tal-persuni ggradwati⁽⁴⁾ li mhumiex attwalment irreġistrati fi kwalunkwe attività ta' edukazzjoni u taħriġ ulterjuri, għaldaqstant l-Istati Membri jaqblu dwar il-punt ta' riferiment li ġej:

Sal-2020, il-porzjon ta' persuni ggradwati impjegati⁽⁵⁾ (20-34 sena)⁽⁶⁾ li ħallew l-edukazzjoni u t-taħriġ mhux aktar minn tliet snin qabel is-sena ta' referenza għandha tkun tal-inqas 82 % (meta mqabbla ma' 76,5 % fl-2010)⁽⁷⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 7.

⁽²⁾ Dok. 10697/11.

⁽³⁾ ĠU C 372, 20.12.2011, p. 31.

⁽⁴⁾ Għall-fini ta' dan it-test, it-terminu "gradwat" jirreferi għal kwalunkwe persuna li għandha bejn 20-34 li telqet mill-edukazzjoni u t-taħriġ b'mill-inqas kwalifiki sekondarji għolja jew postsekondarji nonterzjarji (ISCED 3 sa ISCED 4, eskluż ISCED 3C qasir), jew bi kwalifiki terzjarji (ISCED 5 u 6).

⁽⁵⁾ Il-Klassifikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Edukazzjoni tal-1997 (ISCED) tikklassifika l-attivitàjiet edukattivi f'7 livelli wesgħin, fejn l-ISCED 0-2 u 3C qasir ikopru l-edukazzjoni sekondarja fil-livell baxx. Fl-istima tal-livelli adatti għall-mira tal-2020, huma kkunsidrati biss żewġ livelli ta' gradwati, b'mod partikolari gradwati b'kisba ta' edukazzjoni sekondarja ogħla (ISCED 3), postsekondarju, nonterzjarju (ISCED 4) u kisba ta' edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-6). Dawk li ggradwaw mill-edukazzjoni sekondarja ogħla ġenerali (ISCED 3A) għandhom ikunu mħajra biex jipparteċipaw l-edukazzjoni u taħriġ ulterjuri. Il-grupp ta' persuni ggradwati b'inqas minn kisba sekondarja għolja (ISCED 0-2 u ISCED C3 qasir) ġie eskluż mill-istima minħabba li kien kampjun żgħir (fil-grupp b'età ta' 20-34 sena hemm biss xi fit persuni li waqfu reċentement mill-iskola qabel iż-żmien b'inqas minn edukazzjoni sekondarja ogħla), u minħabba l-fatt li fl-2003 l-Istati Membri qablu li jnaqqsu r-rata ta' dawk li jiegħfu mill-edukazzjoni u t-taħriġ qabel iż-żmien għal inqas minn 10 % ta' dawk bejn it-18 u l-24 sena (mira kkonfermata mill-istrateġija Ewropa 2020).

⁽⁶⁾ Intgħażel il-limitu minimu ta' 20 sena biex ikun allinjat mal-grupp ta' età ġdid introdott mal-mira ewlenija tar-rata tal-impjiegi tal-istrateġija Ewropa 2020 (jiġifieri 20-64). Billi fl-Ewropa l-maġġoranza tal-istudenti jkomplu l-edukazzjoni sekondarja ogħla tagħhom (ISCED 3, eskluż l-ISCED 3C qasir) u edukazzjoni postsekondarja, nonterzjarja (ISCED 4) bejn l-età ta' 18 u 20 sena, dan il-limitu minimu ta' età huwa mistenni jippermetti l-analiżi tal-kapaċità għall-impjiegi ta' dak il-grupp sena, sentejn, u tliet snin wara li jiksbu l-lawrea. Il-limitu massimu ta' 34 sena madankollu ntgħażel fir-rigward tal-punt ta' riferiment attwali dwar il-ksib terzjarju, li jitkejjel fil-grupp ta' persuni bejn it-30 u l-34 sena. Għal darb'oħra, dan il-limitu massimu għandu għalhekk jiżgura kopertura ottimali tal-popolazzjoni gradwata ġdida mill-edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-6).

⁽⁷⁾ Imkejla bħala l-porzjon tal-popolazzjoni impjegata ta' bejn 20 u 34 sena li ggradwa 1, 2 jew 3 snin qabel u li mhux attwalment irreġistrat f'xi attività ta' edukazzjoni jew taħriġ ulterjuri. Individwi li bħalissa huma impenjati f'xi forma ta' edukazzjoni jew taħriġ huma esklużi, biex jiġi żgurat li l-kapaċità għall-impjiegi ta' dak il-grupp ma tistax tinbidel mill-fatt li l-individwu bħalissa huwa impenjat fl-aġġornament tal-ħiliet tiegħu. Minħabba n-nuqqas ta' data lonġitudinali biex jitkejjel preċiżament il-fluss ta' gradwati fl-impjiegi, tintuża l-medja ta' punti fl-aħħar tat-tliet snin wara l-lawrja. Dan l-approċċ jgħin biex ma jixxekkilk l-impatt possibbli tal-perijodi qosra ta' qgħad li huma komuni fis-snin bikrin tal-impjiegi.

Il-livell ta' mira jirreferi għal medja tal-UE u ma joħloqx mira nazzjonali għall-Istati Membri individwali.

Il-punt ta' riferiment għandu jippermetti tqassim skont is-subpopolazzjonijiet speċifiċi. B'mod partikolari għandu jkun hemm diżaggregazzjoni ta' data bbażata fuq il-livelli tal-ISCED ⁽¹⁾, l-orjentazzjoni edukattiva u l-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jippermetti, pereżempju, distinzjoni li għandu jkun hemm bejn il-prestazzjoni ta' gradwati ta' edukazzjoni sekondarja ogħla hekk kif ilestu l-edukazzjoni ġenerali jew l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u bejn il-prestazzjoni ta' gradwati b'edukazzjoni ogħla skont il-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Barra minn hekk, għandha titwettaq analiżi dwar safejn l-oqsma u l-livelli tal-edukazzjoni u t-taħriġ jaqblu mat-tipi ta' okkupazzjoni li l-persuni ggradwati jsegwu matul l-ewwel snin ta' impjeg tagħhom u din tista' tkun ibbażata fuq il-kisba edukattiva mkejla bl-ISCED.

Il-punt ta' riferiment t'hawn fuq ser jiġi eżaminat u vvalutat mill-Istati Membri u l-Kummissjoni bħala parti mir-Rapport Konġunt "ET2020" fl-2014, sabiex jiġi deċiż jekk ikunx meħtieġ rieżami tal-indikaturi.

⁽¹⁾ Kif indikat hawn fuq, il-Klassifikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Edukazzjoni tal-1997 attwali (ISCED) tikklassifika l-attivitàjiet edukattivi f'7 livelli wesgħin minn 0 sa 6. ISCED 2011 ser tiġi implimentata fl-2014 b'9 livelli fis-sorsi kollha ta' data tal-UE dwar l-edukazzjoni. Dan jimplika li l-edukazzjoni terzjarja ser tkun aktar differenzjata flivell ta' Baċċellerat, Master u Dottorat u li l-konfini bejn l-edukazzjoni sekondarja fil-livell baxx u ogħla ser ikunu ddefiniti aħjar.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

L-14 ta' Ġunju 2012

(2012/C 169/05)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2551	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2626
JPY	Yen Ġappuniż	99,51	CAD	Dollaru Kanadiż	1,2885
DKK	Krona Daniża	7,4312	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,7379
GBP	Lira Sterlina	0,80920	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6143
SEK	Krona Żvediża	8,8373	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6102
CHF	Frank Żvizzeru	1,2008	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 464,11
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,5901
NOK	Krona Norveġiża	7,5070	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9411
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,5508
CZK	Krona Ċeka	25,540	IDR	Rupiah Indoneżjan	11 844,46
HUF	Forint Ungeriż	297,63	MYR	Ringgit Malażjan	3,9990
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	53,460
LVL	Lats Latvjan	0,6968	RUB	Rouble Russu	41,0070
PLN	Zloty Pollakk	4,3150	THB	Baht Tajlandiż	39,586
RON	Leu Rumun	4,4578	BRL	Real Brażiljan	2,5912
TRY	Lira Turka	2,2890	MXN	Peso Messikan	17,6279
			INR	Rupi Indjan	70,0530

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità li għaliha ma tressqet l-ebda applikazzjoni u li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Komunità għal prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur

(2012/C 169/06)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 ⁽¹⁾ fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti mis-setturi tal-laħam tat-tjur. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni li tressqu matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' April 2012 għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2012, għall-kwoti 09.4212, 09.4214, 09.4217 u 09.4218, kienu jkopru kwantitajiet iżgħar minn dawk disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 7(4) it-tieni frażi, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ⁽²⁾, il-kwantitajiet li għalihom ma sarux talbiet, ġew miżjuda mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwoti ta' wara, mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2012, u jidhru fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

ANNEX

Nru tal-ordni tal-kwota	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 (t'kg)
09.4212	9 891 500
09.4214	6 597 950
09.4217	690 000
09.4218	3 478 800

V

(Avviżi)

PROCÈDURI AMMINISTRATTIVI

IL-PARLAMENT EWROPEW

Avviż ta' reklutaġġ PE/158/S

(2012/C 169/07)

Il-Parlament Ewropew qed jorganizza l-proċedura ta' għażla:

PE/158/S – Aġent Temporanju – Amministrazzjoni ta' entitajiet Parlamentari (AD 7)

Din il-proċedura ta' għażla tirrikjedi livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu komplut ta' studji universitarji bil-ksib ta' lawrja rikonoxxuta uffiċjalment.

Il-kandidati jeħtiġilhom ikunu kisbu, sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u wara l-konferiment tal-lawrja msemmija hawn fuq, mhux anqas minn sitt snin esperjenza ta' xogħol relatat man-natura tal-funzjonijiet, li minnhom tal-anqas erba' snin iridu jkunu nħadmu fi ħdan entità tal-Unjoni Ewropea jew ta' amministrazzjoni nazzjonali.

Dan l-avviż ta' reklutaġġ qed jiġi ppubblikat biss bil-Franċiż, bil-Ġermaniż u bl-Ingliż. It-test sħiħ jinsab f'Il-Ġurnal Uffiċjali C 169 A b'dawn it-tliet lingwi.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-proposti – EACEA/20/12

skont il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja

Implimentazzjoni tal-oġġettivi strateġiċi Ewropej fl-Edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) (kooperazzjoni tal-partijiet interessati, esperimentazzjoni u innovazzjoni)

(2012/C 169/08)

Parti A – Appoġġ għall-implimentazzjoni u t-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar l-oġġettivi tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)

Parti B – Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' taħlim innovattivi permezz tal-ICT (imsejħa "Klassijiet Kreattivi") fil-qafas tal-kooperazzjoni transnazzjonali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali relatati mal-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ marbutin mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Ewropa 2020 u ET 2020

1. Oġġettivi u Deskrizzjoni

L-għan ġenerali tas-sejħa għall-proposti huwa:

Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-erba' oġġettivi strateġiċi tal-"Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)" (taħlim tul il-ħajja u mobiltà; kwalità u effiċjenza; ekwità, koeżjoni soċjali u ċittadinanza attiva; kreattività u innovazzjoni) u l-prijoritajiet strateġiċi maqbuli għall-2012-14 permezz ta' attivitajiet li jtejbu l-impenn istituzzjonali, il-koordinazzjoni u s-sħubija mal-partijiet interessati rilevanti kollha fil-livelli nazzjonali/ reġjonali/lokali, billi:

- jiġu appoġġjati t-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni u l-impenn istituzzjonali, il-koordinazzjoni u s-sħubija mal-partijiet interessati kollha, b'enfasi fuq ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ (Parti A);
- tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni transnazzjonali (esperimentazzjoni bil-politiki, żvilupp konġunt tal-politiki, skambju ta' prattiki tajbin u innovazzjoni) fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċi ta' politika innovattivi b'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Ewropa 2020 u ET 2020, b'enfasi fuq il-"Klassijiet Kreattivi" (Parti B).

Il-kooperazzjoni transnazzjonali tista' sseħħ fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali; tista' tkopri tipi differenti (formali, mhux formali, informali) u livelli (qabel l-iskola, primarju, sekondarju, terzjarju, tal-adulti, inizjali u t-tkomplija ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali) ta' taħlim u tista' tinkludi rabtiet ma' setturi oħrajn (eż. l-impjiegi u n-negożji).

2. Organizzazzjonijiet eliġibbli

Is-sejħa hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet stabbiliti fil-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja.

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi minn persuna legali li għandha kapaċità legali. Persuni fiżiċi ma jistgħux japplikaw għal għotja.

Il-benefiċjarji jistgħu jkunu ministeri nazzjonali jew reġjonali inkarigati mill-edukazzjoni u t-taħriġ u l-politiki ta' taħlim tul il-ħajja, u awtoritajiet/korpi oħrajn u organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati attivi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' taħlim tul il-ħajja. L-organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati jinkludu l-assoċjazzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet Ewropej, nazzjonali u reġjonali li l-attivitajiet ewlenin jew ir-responsabbiltajiet ewlenin tagħhom huma direttament marbutin ma' kwalunkwe settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali u assoċjazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali oħrajn li jirrappreżentaw l-interessi ta' grupp soċjetarju fit-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' taħlim tul il-ħajja.

Għall-finijiet ta' din is-sejħa, l-istituzzjonijiet kollha ta' edukazzjoni għolja akkreditati mill-Istati Membri (pajjiżi parteċipanti), u l-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu opportunitajiet ta' taħlim li rċievew aktar minn 50 % tad-dħul annwali tagħhom minn sorsi pubbliċi matul l-aħħar sentejn

(għotjiet oħrajn tal-Unjoni Ewropea għal azzjoni eskluża), jew li huma kkontrollati minn korpi pubbliċi jew ir-rappreżentanti tagħhom, huma meqjusin li huma korpi pubbliċi. Dawn l-organizzazzjonijiet huma meħtieġa jstipulaw f'dikjarazzjoni fuq l-unur ffirmata (inkluża fil-pakkett ta' applikazzjoni) li l-organizzazzjoni tagħhom tikkonforma mad-definizzjoni ta' korp pubbliku msemmija hawn fuq. L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li titlob dokumentazzjoni sabiex tintwera l-verità ta' din id-dikjarazzjoni.

Parti A.1 – Appoġġ għall-implimentazzjoni u t-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar l-oġġettivi tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) b'enfasi fuq l-involvement tal-awtoritajiet pubbliċi

L-applikazzjonijiet għal finanzjament jistgħu jsiru minn awtorità nazzjonali jew reġjonali waħda jew aktar mill-istess pajjiż responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ u l-politiki ta' taġlim tul il-ħajja (qabel il-primarja, skejjel, VET, edukazzjoni għolja u taġlim lill-adulti), jew korpi u organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati oħrajn magħżula mit-tali awtorità(jiet) sabiex iwieġbu għas-sejħa. Trid tintbagħat ittra/i ta' għażla ffirmata/i mill-awtorità involuta flimkien mal-verżjoni tal-proposta stampata.

Parti A.2 – Appoġġ għall-implimentazzjoni u t-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar l-oġġettivi tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) b'enfasi fuq l-involvement tal-organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati

Applikazzjonijiet għal finanzjament jistgħu jsiru biss minn sħubijiet nazzjonali magħmulin minn tal-inqas tliet organizzazzjonijiet involuti direttament fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' taġlim tul il-ħajja.

Parti B – Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' taġlim innovattivi permezz tal-ICT (imsejħa "Klassijiet Kreattivi") fil-qafas tal-kooperazzjoni transnazzjonali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali relatati mal-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ marbutin mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Ewropa 2020 u ET 2020

L-applikazzjonijiet għal finanzjament jistgħu jsiru biss minn ministeru nazzjonali jew reġjonali involut direttament fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' taġlim tul il-ħajja, jew organizzazzjoni oħra magħżula minn ministeru bħal dan biex twieġeb għas-sejħa.

Is-sħubijiet transnazzjonali jridu jkunu komposti minn tal-inqas 5 organizzazzjonijiet li jinvolvu 3 pajjiżi eliġibbli jew aktar. Tal-inqas imsieħeb wieħed skont il-pajjiż irid ikun ministeru nazzjonali jew reġjonali direttament involut fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' taġlim tul il-ħajja, jew organizzazzjoni oħra magħżula minn ministeru bħal dan biex twieġeb għas-sejħa.

Trid tintbagħat ittra/i ta' għażla ffirmata/i mill-ministeru/i li jiddelega(w) flimkien mal-verżjoni tal-proposta stampata.

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi mill-organizzazzjonijiet (inklużi l-imsieħba tal-organizzazzjonijiet kollha) stabbiliti fil-pajjiżi li jieħdu sehem fil-Programm tat-Taġlim Tul il-ħajja:

- is-27 Stat Membru tal-UE
- it-tliet pajjiżi taż-ŻEE/EFTA: l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja
- il-pajjiżi kandidati: il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja, it-Turkija
- l-Isvizzera

Il-parteċipazzjoni minn pajjiżi terzi mhijiex permessa għal din l-azzjoni.

Tal-inqas pajjiż wieħed tas-sħubija jrid ikun Stat Membru tal-UE (japplika biss għall-Parti B ta' din is-sejħa).

3. Attivitajiet Eliġibbli

Parti A.1 – Appoġġ għall-implimentazzjoni u t-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar l-oġġettivi tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) b'enfasi fuq l-involvement tal-awtoritajiet pubbliċi

L-attivitajiet li jridu jiġu ffinanzjati f'din il-parti tas-sejħa jinkludu (oġġettivi speċifiċi)

- Attivitajiet ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni li jappoġġjaw dibattiti u djalogi nazzjonali marbutin mal-implimentazzjoni tal-erba' oġġettivi strateġiċi tal-ET 2020 (bħal konferenzi, seminars jew workshops nazzjonali jew reġjonali), b'enfasi fuq kif jistgħu jintużaw l-ġhodod u s-servizzi ta' taġlim tul il-ħajja għaż-żgħażaġh sabiex jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għas-suq tax-xogħol.

- L-istabbiliment ta' fora għall-partijiet interessati u attivitajiet oħrajn li sejrjn jikkontribwixxu għal koerenza u koordinazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali fil-proċess ta' twaqqif u implimentazzjoni ta' strateġiji koerenti u komprensivi għat-tagħlim tul il-ħajja, b'enfasi fuq l-għoti tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa liż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol.
- Attivitajiet ta' tixrid u sensibilizzazzjoni skont l-ET 2020 ta' għodod jew materjal ta' referenza (eż. attivitajiet ta' tagħrif, inklużi kampanji tal-midja, avvenimenti ta' reklamar, eċċ.), b'enfasi fuq l-għodod u s-servizzi ta' tagħlim tul il-ħajja li jtejbu l-kapaċità ta' mezzi ta' tagħlim alternattivi għaż-żgħażaġh u adulti bi kwalifiki baxxi sabiex jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għas-suq tax-xogħol permezz ta', pereżempju, validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali, gwida fil-karrieri, oqfsa ta' kwalifiki, mobilità, eċċ.
- Azzjonijiet ta' segwitu marbutin ma' programmi nazzjonali eżistenti bil-għan li jiġi stabbilit u jiġi implimentat il-Metodu Miftuħ ta' Edukazzjoni u Taħriġ ta' attivitajiet ta' Koordinazzjoni skont l-istrateġija ET 2020 fil-livell nazzjonali, b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażaġh u l-adulti bi ftit jew ebda kwalifiki.

Parti A.2 – Appoġġ għall-implimentazzjoni u t-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar l-oġġettivi tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) b'enfasi fuq l-involviment ta' organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati

L-attivitajiet li jridu jiġu ffinanzjati f'din il-parti tas-sejħa jinkludu (oġġettivi speċifiċi):

- Attivitajiet ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni li jappoġġjaw dibattiti u djalogu nazzjonali marbutin mal-implimentazzjoni tal-erba' oġġettivi strateġiċi tal-ET 2020 (bħal konferenzi, seminars jew workshops nazzjonali jew reġjonali), b'enfasi fuq kif jistgħu jintużaw l-għodod u s-servizzi ta' tagħlim tul il-ħajja għaż-żgħażaġh sabiex jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għas-suq tax-xogħol.
- L-istabbiliment ta' fora għall-partijiet interessati u attivitajiet oħrajn li jikkontribwixxu għal koerenza u koordinazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali fil-proċess ta' stabbiliment u implimentazzjoni ta' strateġiji koerenti u komprensivi għat-tagħlim tul, il-ħajja, b'enfasi fuq l-għoti tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa liż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol.
- Azzjonijiet ta' segwitu marbutin ma' programmi nazzjonali eżistenti bil-għan li jiġi stabbilit u jiġi implimentat il-Metodu Miftuħ ta' Edukazzjoni u Taħriġ ta' attivitajiet ta' koordinazzjoni skont l-istrateġija ET 2020 fil-livell nazzjonali, b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażaġh u l-adulti bi ftit jew ebda kwalifiki.

Parti B – Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' tagħlim innovattivi permezz tal-ICT (imsejħa "Klassijiet Kreattivi") fil-qafas tal-kooperazzjoni transnazzjonali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali relatati mal-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ marbutin mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Ewropa 2020 u ET 2020

L-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati f'din il-parti jinkludu (oġġettivi speċifiċi):

- L-esperimentazzjonijiet bil-politiki minn sħubijiet transnazzjonali, li jinvolve l-awtoritajiet rilevanti, il-partijiet interessati u l-istituzzjonijiet ta' riċerka. L-azzjonijiet m'humiex sejrjn jindirizzaw suġġetti wisgħin, iżda mmirati lejn kwistjonijiet politiċi komuni konkreti. Trid tingħata l-importanza xierqa lill-iżvilupp ta' bażi ta' provi robusta u lill-involviment ta' proċeduri ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar affidabbli tal-bosta esperimentazzjonijiet tal-kuntesti ta' 'Klassijiet Kreattivi'.
- It-tfassil u l-ittestjar konġunt ta' għodod u prattiki innovattivi permezz ta' esperimentazzjonijiet li jinvolve numru għoli biżżejjed ta' istituzzjonijiet edukattivi sabiex tintlaħaq massa rappreżentattiva kritika.
- Azzjonijiet li jimmiraw lejn l-analiżi minn perspettiva politika tal-effikaċja, l-effiċjenza u l-kundizzjonijiet ta' ġeneralizzazzjoni tal-esperimentazzjonijiet, kif ukoll it-trasferiment transnazzjonali tal-lezzjonijiet miksuba u l-prattika tajba (tagħlim fost pari) li jistgħu jinkludu analiżijiet, konferenzi u seminars li għandhom l-għan li jappoġġjaw b'mod dirett it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki.
- Azzjonijiet li jiżguraw it-tixrid sistematiku fil-livell nazzjonali u internazzjonali u li jrawwu t-trasferibilità bejn sistemi u politiki edukattivi u ta' taħriġ differenti.

Għall-Partijiet A u B:

L-attivitajiet iridu jibdew bejn l-1 ta' Marzu 2013 u l-31 ta' Mejju 2013.

It-tul obbligatorju tal-proġetti huwa ta' 12-il xahar għall-Parti A u 24 xahar għall-Parti B. Ma hija sejra tiġi aċċettata l-ebda applikazzjoni għal proġetti skedati li joperaw f'perjodu differenti minn dak speċifikat f'din is-sejħa għall-proposti.

Ma hi se tingħata l-ebda estensjoni għall-perjodu ta' eliġibilità lil hinn mit-tul massimu. Madankollu, jekk wara l-iffirmar tal-ftehim u l-bidu tal-proġett, għal raġunijiet kompletament ġustifikati li mhumiex fil-kontroll tiegħu, isir impossibbli għall-benefiċjarju li jtemm il-proġett fi żmien il-perjodu skedat, tista' tingħata estensjoni għall-perjodu ta' eliġibilità. Tista' tingħata estensjoni massima ta' 3 xhur addizzjonali għall-Parti A u 6 xhur addizzjonali għall-Parti B, jekk tintalab qabel id-data ta' skadenza speċifikata fil-ftehim. Imbagħad, it-tul massimu jsir 15-il xahar għall-Parti A u 30 xahar għall-Parti B.

Fil-baġits u fid-dispożizzjonijiet tal-ippjanar tagħhom, il-konsorzji jridu jippjanaw għal żewġ laqgħat fi Brussell matul l-eżistenza tal-proġett: laqgħa ta' bidu li tgħaqquad flimkien il-proġetti kollha ta' suċċess, u laqgħa ta' monitoraġġ oħra (tista' tkun mitluba mill-Aġenzija matul l-eżistenza tal-proġett). Hu mistenni li kull konsorzju jiġi mistieden jibgħat massimu ta' żewġ rappreżentanti.

4. Kriterji tal-Għoti

L-applikazzjonijiet eliġibbli sejrjn jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

Parti A – Appoġġ għall-implimentazzjoni u t-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali dwar l-oġettivi tal-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)

1. Ir-rilevanza: fuq il-bażi tas-sejħa għall-proposti, l-oġettivi huma ċari, realistiki u jindirizzaw kwistjonijiet u gruppi fil-mira rilevanti, inkluża firxa wiesgħa ta' partijiet interessati ewlenin fil-livelli kollha kkonċernati mill-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji ta' taġħlim tul il-ħajja, inklużi dawk li jfasslu l-politiki u li jieħdu d-deċiżjonijiet, dawk li jagħmlu użu minnhom, il-fornituri, l-imsieħba soċjali, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u dawk li jitgħallmu (30 %).
2. Il-kwalità tal-pjan ta' azzjonijiet: l-organizzazzjoni tal-ħidma hija ċara u xierqa sabiex jinkisbu l-oġettivi; il-kompiti/l-attivitajiet huma definiti b'tali mod li r-riżultati sejrjn jinkisbu fil-ħin u ma jaqbżux il-baġit (10 %).
3. Il-kwalità tal-metodoloġija: l-għodod u l-approċċi prattiki proposti huma koerenti u xierqa sabiex jindirizzaw il-bżonnijiet identifikati għal gruppi fil-mira identifikati b'mod ċar (10 %).
4. Il-kwalità tat-tim tal-proġett: it-tim tal-proġett jinkludi l-ħiliet kollha, l-għarfien espert u l-kompetenzi rikonoxxuti meħtieġa biex jiġu eżegwiti l-aspetti kollha tal-pjan tal-azzjonijiet, u hemm tqassim ta' kompiti xieraq fost il-membri tiegħu (10 %).
5. Il-Proporzjon ta' Spejjeż u Benefiċċji: l-applikazzjoni tal-għotja turi l-valur għall-flus f'termini tal-attivitajiet ippjanati relatati mal-baġit previst (10 %).
6. L-impatt: l-effetti previsti tal-attivitajiet tal-proġett fuq il-gruppi u s-sistemi fil-mira kkonċernati huma definiti b'mod ċar u konsistenti mas-sett ta' oġettivi; il-miżuri huma pplanati sabiex jiżguraw li dawk l-effetti jistgħu jintlaħqu. Ir-riżultati tal-attivitajiet aktarx li jkunu sinifikanti (20 %).
7. Il-kwalità tal-pjan ta' valorizzazzjoni (tixrid u użu tar-riżultati): sa fejn l-attivitajiet ippjanati ta' tixrid u użu jiżguraw użu ottimali tar-riżultati lil hinn mill-parteċipanti fil-proposta, matul u wara l-eżistenza tal-proġett (10 %).

Parti B – Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' taġħlim innovattivi permezz tal-ICT (imsejħa "Klassijiet Kreattivi") fil-qafas tal-kooperazzjoni transnazzjonali fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali relatati mal-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ marbutin mal-prijoritajiet stabbiliti fl-Ewropa 2020 u ET 2020

1. Ir-rilevanza: fuq il-bażi tas-sejħa għall-proposti, l-oġettivi huma ċari, realistiki u jindirizzaw kwistjonijiet u gruppi fil-mira rilevanti, inkluża firxa wiesgħa ta' partijiet interessati ewlenin fil-livelli kollha kkonċernati mill-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji ta' taġħlim tul il-ħajja, inklużi dawk li jfasslu l-politiki u jieħdu d-deċiżjonijiet, dawk li jagħmlu użu minnhom, il-fornituri, l-imsieħba soċjali, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u dawk li jitgħallmu (30 %).

2. Il-kwalità tal-pjan ta' azzjonijiet: l-organizzazzjoni tal-ħidma hija ċara u xierqa sabiex jintlaħqu l-oġġettivi; il-kompiti/l-attivitajiet huma mqassma fost l-imsieħba b'tali mod li r-riżultati jinkisbu fil-ħin u ma jaqbżux il-baġit (10 %).
3. Il-kwalità tal-metodoloġija: l-għodod u l-approċċi prattiċi proposti huma koerenti, innovattivi u xierqa sabiex jindirizzaw il-bżonnijiet identifikati għal gruppi fil-mira identifikati b'mod ċar (10 %).
4. Kwalità tal-Konsorzju: il-konsorzju jinkludi l-ħiliet kollha, l-għarfien espert u l-kompetenzi rikonossuti meħtieġa biex jiġu eżegwiti l-aspetti kollha tal-pjan tal-azzjonijiet, u hemm tqassim ta' kompiti xieraq fost l-imsieħba tiegħu (10 %).
5. Il-Proporzjon ta' Spejjeż u Benefiċċji: l-applikazzjoni tal-għotja turi l-valur għall-flus f'termini tal-attivitajiet ippjanati relatati mal-baġit previst (10 %).
6. Impatt u Valur Miżjud Ewropew: l-effetti prevedibbli tal-attivitajiet tal-proġett fuq il-gruppi u s-sistemi fil-mira kkonċernati huma definiti b'mod ċar u konsistenti mal-oġġettivi stabbiliti; il-miżuri huma pplanati sabiex jiġi żgurat li daww l-effetti jistgħu jinkisbu. Aktarx li r-riżultati tal-attivitajiet ikunu sinifikanti u l-benefiċċji u l-bżonn tal-kooperazzjoni Ewropea (li tkompli żżid mal-approċċi nazzjonali, reġionali jew lokali) jintwerew b'mod ċar (20 %).
7. Il-kwalità tal-Pjan ta' Valorizzazzjoni (Tixrid u Użu tar-Riżultati): sa fejn l-attivitajiet ippjanati ta' tixrid u użu sejrini jiżguraw użu ottimali tar-riżultati lil hinn mill-parteċipanti fil-proposta, matul u wara l-eżistenza tal-proġett (10 %).

5. Baġit

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament ta' proġett jammonta għal EUR 3,8 miljun.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni Ewropea ma tistax taqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli totali.

L-għotja massima għal kull proġett sejra tkun ta' EUR 120 000 għall-Parti A (A.1 u A.2) u EUR 800 000 għall-Parti B.

L-Aġenzija tippjana li talloka l-ammont disponibbli skont il-proporzjon indikattiv li ġej: EUR 1 500 000 għall-Parti A u EUR 2 300 000 għall-Parti B. Madankollu, l-allokazzjoni finali tiddependi min-numru u mill-kwalità tal-proposti riċevuti għall-partijiet A u B.

L-Aġenzija tirreżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

6. Data ta' skadenza għas-sottomissjoni

Sejrini jiġu aċċettati biss l-applikazzjonijiet sottomessi fuq il-formola l-korretta, mimlija kif suppost, datata, li turi baġit ibbilanċjat (dħul/infuq), sottomessa online (oriġinali) u ffirmata mill-persuna awtorizzata sabiex tidħol f'impenji legalment vinkolanti fisem l-organizzazzjoni applikanti.

Data ta' skadenza: **It-Tnejn 1 ta' Ottubru 2012 12:00 nofsinhar** (Ħin tal-Ewropa Ċentrali)

L-applikazzjonijiet li ma jinkludux id-dokumenti kollha stipulati u li ma jiġux sottomessi qabel id-data ta' skadenza mhumiex sejrini jiġu kkunsidrati.

Applikazzjoni sħiħa tikkonsisti f'dan li ġej:

- Pakkett ta' Applikazzjoni oriġinali wieħed (Formola Elettronika u l-erba' annessi). Irid jiġi sottomess online kif jingħad fil-Gwida tal-Utenti tal-Formola Elettronika. Din il-verżjoni, inklużi l-annessi tagħha huma meqjusa bħala l-verżjoni prinċipali.
- Verżjoni stampata waħda li trid tintbagħat eżatt wara d-data ta' skadenza li jkun fiha:
 - Kopja tal-pakkett ta' Applikazzjoni: Formola Elettronika sottomessa (bin-numru ta' referenza riċevut) bl-annessi tagħha (inkluża d-Dikjarazzjoni fuq l-Unur iffirmita b'mod oriġinali).
 - Għall-Partijiet A1 u B (meta applikabbli): trid tintbagħat ittra ta' għażla ffirmata kif suppost minn awtorità/ministeru pubbliku flimkien mal-verżjoni stampata tal-proposta. L-ittri jridu jużaw il-mudelli pprovduti. Sejrini jiġu aċċettati verżjonijiet bil-faks jew skenjati ffirmati tal-ittri ta' għażla fl-istadju tal-proposta, iżda l-oriġinali ser ikollhom ikunu disponibbli fil-mument tal-istabbiliment tal-ftehim. Jekk ma tiġi pprovduta l-ebda ittra ta' għażla, il-proposta tista' tiġi ddikjarata ineliġibbli.

- L-ittri tal-mandat mill-imsieħba kollha (għal kull ftehim multibenefiċjarju kollu, jiġifieri meta jkun involut aktar minn parteċipant wieħed). L-ittri jridu jużaw il-mudell ipprovdut. Fl-istadju tal-proposta se jrin jiġu aċċettati verżjonijiet bil-faks jew skenjati ffirmati tal-ittri tal-mandat, iżda l-oriġinali jridu jkunu disponibbli fil-mument meta jiġi stabbilit il-ftehim.
- Prova ta' eżistenza legali (kopja ta' artikli ta' assoċjazzjonijiet u/jew dokumenti ta' reġistrazzjoni)
- Kont/dikjarazzjoni annwali għall-aktar sena finanzjarja reċenti.
- Formola tal-kapaċità finanzjarja (għal organizzazzjonijiet privati biss)
- Formola ta' identifikazzjoni finanzjarja.
- Reġistrazzjoni tal-VAT (meta applikabbli)

Il-verżjoni stampata trid tintbagħat permezz tal-posta rreġistrata jew ordinarja eżatt wara s-sottomissjoni online fuq l-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency
Unit P9 — Lifelong Learning: Eurydice and Policy Support
Key Activity 1 — ECET
Call for proposals EACEA/20/12 — Part A.1/Part A.2/Part B (*please specify*)
BOU2 01/055
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet sottomessi wara d-data ta' skadenza mhumiex se jrin jiġu kkunsidrati.

Dawk l-applikazzjonijiet mibgħuta b'faks jew bil-posta elettronika biss mhumiex se jrin jiġu aċċettati.

7. Aktar taġhrif

Linji gwida dettaljati dwar is-Sejħa għall-Proposti u l-Pakkett ta' Applikazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt li ġejja:

http://eacea.ec.europa.eu/llp/funding/2012/call_ecet_2012_en.php

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi billi jintużaw il-formoli pprovduti u jrid ikun fihom l-annessi, l-annessi u l-informazzjoni kollha kif mitlub fil-linji gwida dettaljati.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2012/C 169/09)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ⁽¹⁾. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**“STORNOWAY BLACK PUDDING”****KE Nru: UK-PGI-0005-0876-03.05.2011****IĠP (X) DPO ()****1. Isem:**

“Stornoway Black Pudding”

2. Stat Membru jew pajjiż terz:

Ir-Renju Unit

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**3.1. Tip tal-prodott:**

Klassi 1.2.: Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f(1):

Stornoway Black Puddings huma pudini suwed uniċi għal Stornoway, il-belt kapitali tal-Isle of Lewis fl-Outer Hebrides tal-Iskozja. Huma ta' kulur rikk li jvarja minn kannella ħamrani skur għal kannella skur meta nejjin, u jvarjaw skont ir-riċetti lokali individwali.

L-ingredjenti li ġejjin jintużaw fil-produzzjoni ta' Stornoway Black Pudding:

- Xaħam ta' dam taċ-ċanga
- Dqiq tal-ħafur
- Basla
- Demm tan-nagħaġ jew baqar jew ħnieżer
- Ilma – fejn jintuża demm imnixxef
- Melħ
- Bżar
- Tubi jew ġlud għaz-zalzett sintetiċi jew naturali

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Ma huma permessi l-ebda ħwawar oħra u Stornoway Black Puddings iridu jkunu ħielsa mill-kuluri u togħmiet artifiċjali, aġenti li jagħtu l-massa u preservattivi.

Fil-forma oriġinali tagħhom, huma prodotti bħala pudini ta' 52 mm sa 72 mm f'dijametru ċilindriku "forma ta' zalzett", li jvarjaw fit-tul minn 150 mm għal 500 mm u fil-piż minn 0,5 kg sa 1,36 kg, magħluqin f'ġilda. Madankollu, jistgħu jiġu prodotti f'daqsijiet u forom oħra skont ir-reqwiziti tal-klijenti differenti, eż. ħolqa, jew fi flieli.

Huma umdużi u solidi fis-sawra tagħhom, u għandhom partikuli żgħar tax-xaħam li jintieghmu. Id-dqiq tal-ħafur Skoċċiż użat fi Stornoway Black Puddings huwa responsabbli għas-sawra tajba u mhux lixxa tagħhom.

Stornoway Black Puddings iżommu l-forma tagħhom sew matul il-proċess kollu tat-tisjir. Ladarba imsajrin, jidhru kważi suwed u jinqasmu faċilment meta jinqatgħu, iżda ma jitfarkux ħafna. It-togħma ta' laħam hija niedja, rikka, kompluta, bnina, imħawwra sew – iżda mhux pikkanti – b'togħma li mhix xaħmija, pjaċevoli u tħalli togħma ta' wara nadifa.

3.3. Materja prima (għall-prodotti proċessati biss):

Skont it-tradizzjoni u l-patrimonju, hemm xi varjazzjoni individwali fir-riċetti użati. Uħud mir-riċetti jirrikjedu ingredjenti imqattgħajn fini, oħrajn jirrikjedu qatgħa nqas delikata, li jirriżultaw fil-varjazzjoni iżjed żgħar fid-dehra u s-sawra skont ir-riċetta individwali tal-produtturi. Hemm ukoll varjazzjoni iżjedra ħafna fir-riċetti fil-perċentwali ta' kull ingredjent użat biex isiru l-pudini.

Il-perċentwali tal-ingredjenti użati fi Stornoway Black Pudding għandhom jidħlu fil-firxiet li ġejjin:

- Xaħam ta' dam taċ-ċanga – minimu ta' 37 % sa massimu ta' 50 %
- Dqiq tal-ħafur – minimu ta' 16 % sa massimu ta' 20 %
- Basla – minimu ta' 15 % sa massimu ta' 18 %
- Demm tan-nagħaġ jew baqar jew ħnieżer – minimu ta' 12 % sa massimu ta' 26 %
- Ilma – fejn jintuża demm imnixxef
- Melħ – minimu ta' 0,6 % sa massimu ta' 2 %
- Bżar – minimu ta' 0,4 % sa massimu ta' 2 %
- Ġlud (jew tubi) sintetiċi jew naturali – Dijametru – 52 mm sa 72 mm, Tul – 150 mm sa 500 mm

3.4. Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):

Mhux applikabbli

3.5. Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jseħħu fiż-żona ġeografika identifikata:

L-istadji kollha tal-preparazzjoni u l-produzzjoni ta' Stornoway Black Pudding għandhom iseħħu fiż-żona inkluż:

- Il-preparazzjoni tax-xaħam ta' dam taċ-ċanga
- It-taħlit tal-ingredjenti
- Il-mili fit-tubi sintetiċi
- It-tisjir u t-tberrid tal-pudini

3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-thakkik, l-ippakkjar, eċc.:

Mhux applikabbli

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

Mhux applikabbli

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika:**

Il-belt ta' Stornoway fuq l-Isle of Lewis u l-parroċċi inklużi fiż-żona ta' "Stornoway Trust".

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika:*

Il-kultivazzjoni tal-għelieqi żgħar magħluqin bil-ħitan (crofting), formola ta' impriża żgħira tal-inkwilini li hija unika fl-Iskozja, kienet s-sostenn ewlieni tal-ħajja fuq il-gżira ta' Lewis għal mijiet ta' snin. Kien biss fl-aħħar 40 sena li il-kultivaturi ta' dawn l-għelieqi magħluqa (crofters) bdew jagħmlu xogħol ieħor barra dawn l-għelieqi, u saru kultivaturi ta' dan it-tip fuq bażi part-time. Il-kultivazzjoni tal-għelieqi żgħar magħluqin bil-ħitan hija tip ta' ekonomija ta' sussistenza, dawn il-kultivaturi ta' Stornoway żammew għadd żgħir ta' nagħaġ u/jew ħnieżer u baqar u kellhom jiżguraw li kull parti ta' dawh l-annimali kienet qed tiġi uttilizzata kompletament. Meta kien jasal il-mument biex joqtlu l-annimal dawn il-kultivaturi ħadmu fimbien u, meta ma kienx jeżisti apparat tat-tkessiħ, kienu jaqsmu l-laħam mal-ġirien li minn naħa tagħhom kienu jagħmlu l-istess aktar tard, u b'hekk tkun żgurata provvista tal-laħam matul ix-xitwa twila.

Biex jagħmlu "Marag Dubh" – l-isem Skoċċiż bil-Gaeliku għal pudina sewda; dubh tfisser "sewda", l-annimal jinqatel u d-demmm jinġabar u jinżamm. L-intestini jitneħħew u jtnaddfu fl-ilma mielaħ tal-baħar. Wara jittieħdu lura fl-għelieqi magħluqa, jinqalbu ta' barra ġewwa u jitqiegħdu fl-ilma kiesaħ f'sink, aktar tard jiżdiadu l-ilma baħar u l-melħ u wara jitħallew koperti għal 24 siegħa. L-intestini wara jittlaħhalu bl-ilma kiesaħ u mbaġħad bil-misħun. Dan il-proċess twil irattab il-ġewwieni tal-istonku, u dawn il-kultivaturi jkunu jistgħu inaddfu l-intestini billi joborxuhom, fejn ir-riżultat ikun intestini bojod u nodfa l-ġmiel tagħhom. Minn intestin sħiħ wieħed jista' joħroġ il-ġilda għal mill-inqas ħames Marag Dubhs – id-Deasainn (mill-kirxa), il-Brog (jew Boot), il-Curachd an Righ (King's Crown) u żewġ pudini twal maqtuġħin mal-ileu u marbutin.

Dawn il-kultivaturi ma setgħux jiskartaw l-ebda biċċa laħam, allura kienu jieklu l-istess ikel kuljum sakemm jispiċċa. Il-pudini ipprovdew sors rikk ta' haħid u kienu parti importanti ħafna mid-dieta ta' dawn il-kultivaturi u għadhom hekk għall-poplu ta' Stornoway. Id-dqiq tal-ħafur Skoċċiż użat fi Stornoway Black Puddings huwa responsabbli għas-sawra tajba u mhux lixxa tagħhom. Fi klimi kesħin, bħall-Hebrides, il-valur kalorifiku għoli tax-xaħam ta' dam jagħmlu ikel ideali fix-xitwa.

Il-produzzjoni ta' Stornoway Black Puding tinvolvi ħafna ħilet manwali diretti bħal:

- il-preparazzjoni tax-xaħam ta' dam taċ-ċanga jinvolvi tindif u preparazzjoni tax-xaħam ta' dam għad-daqs meħtieġ;
- it-taħlit tal-ingredjenti xotti jirrikjedi l-użin bir-reqqa tal-ingredjenti li jiżguraw li l-konsistenza kumplessiva tat-taħlita għandha d-densità ħoxna t-tajba – dan huwa proċess ta' ħila ġġudikat bl-għajn u s-sengħa tal-biċċier;
- il-mili tat-tubi jitwettaq bil-magni meħjuna bl-idejn, xi zalzett imbagħad jintrabat bl-idejn;
- It-tisjir u t-tberid tal-pudina – ladarba tissajjar kull pudina tiddendel individwalment biex tibred.

Il-ħilet involuti ġew żviluppati lokalment u għaddeu minn ġenerazzjoni għall-oħra u rriżultaw fiż-żamma tal-karatteristiċi tradizzjonali ta' Stornoway Black Pudding.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott:*

Stornoway Black Pudding hija unika fis-sens li tuża biss dawn l-ingredjenti li ġejjin ordnati skont il-kwantità; xaħam ta' dam taċ-ċanga, dqiq tal-ħafur, basla, demm (biż-żieda tal-ilma meta jintuża demm niexef), melħ u bżar. Huma ħielsa minn kuluri artifiċjali, toġħmiet, aġenti li jagħtu l-massa u preservattivi. Għandhom kulur kannella ħamrani rikk li jvarja għal kannella skur meta jkun nej.

Bil-kuntrarju ta' pudini suwed reġionali oħrajn, ix-xaħam ta' dam taċ-ċanga huwa ingredjent maġġuri fi Stornoway Black Puddings. Ix-xaħam ta' dam huwa x-xaħam madwar il-kliewi u flettijiet tal-ifrat. Idub f'temperatura baxxa ta' bejn 45-50 grad Celsius li jfisser li huwa faċli biex jintuża fil-forma solida għal produzzjoni tal-pudini iżda jinħall meta jitqiegħed fuq il-fwar jew bit-togħlija. Għalkemm ix-xaħam ta' dam huwa kważi mingħajr togħma huwa jtejjeb it-togħma tal-ingredjenti miżjuda u jagħmel is-sawra tal-pudini eħfef ukoll. Fi klimi kesħin, bħall-Hebrides, il-valur kalorifiku għoli tax-xaħam ta' dam jagħmlu ikel ideali fix-xitwa. It-tip ta' dqiq tal-ħafur li jikber fl-Iskozja jipprovdni sawra tajba mhux lixxa għal Stornoway Balck Pudding.

Ir-riċetta bażika ta' Stornoway Black Puddings baqgħet l-istess matul is-snin – għad ikun fihom biss xaħam ta' dam taċ-ċanga, dqiq tal-ħafur, basal, demm, melħ u bżar, iżda l-metodi tal-produzzjoni kellhom jinbidlu, għaliex daħlu fis-seħħ regolamenti tal-iġene iktar rigorużi u għaliex id-domanda għal pudini żdiedet. Il-passi tal-produzzjoni biex issir Stornoway Black Pudding jinvolvu ħafna ħila. Il-preparazzjoni manwali tax-xaħam ta' dam taċ-ċanga trid titwettaq biex ikun żgurat li l-biċċiet jinqatgħu f'biċċiet fini ta' daqs konsistenti. Barra minn hekk, l-ingredjenti nexfin l-ewwel jitħalltu, bl-idejn, jew bil-magna qabel ma jiżdied l-ilma u jitħalltu. L-ingredjenti kollha jintiżnu b'ħafna reqqa matul il-proċess kollu, biex tkun żgurata l-konsistenza tal-prodott, li għandu konsistenza ta' poriġ magħquda, li xorta titħawwad iżda trid tisforza ftit. It-taħlita mbagħad tiġi ttrasferita għal ġol-magna li timla z-zalzett li tmexxi t-taħlita għal got-tubi taz-zalzett. Iz-zalzett jimtela billi l-qoxra taz-zalzett titqiegħed manwalment fuq iż-żennuna tal-magna. Ir-regolazzjoni tal-fluss tal-laħam ukoll issir manwalment. It-truf wara jingħaqdu manwalment bl-ispag, jew jinqarsu flimkien bil-magna. Ladarba tissajjar, kull pudina tiddendel individwalment fuq xkaffa biex tibred.

Stornoway Black Puddings jistgħu jissajru fi, jew mingħajr il-ġilda, u jżommu l-forma tagħhom sew matul il-proċess kollu tat-tisjir. Ladarba imsajrin, jidhru kważi suwed u jinqasmu faċilment meta jinqatgħu, iżda ma jifarkux ħafna. It-togħma ta' laħam hija niedja, rikka, kompluta, bnina, imħawwra sew – iżda mhux pikkanti – b'togħma li mhix xaħmija, pjaċevoli u tħalli togħma ta' wara nadifa.

Il-biċċiera jkomplu jagħmlu dan il-prodott lokali distint permezz tar-riċetti li għadew minn diversi ġenerazzjonijiet filwaqt li żammew il-karatteristiċi tradizzjonali li ġejjin minn ingredjenti speċifiċi u s-sawra tal-prodott.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

Il-kultivazzjoni tal-għelieqi żgħar magħluqin bil-ħitan, kienet is-sostenn ewlieni tal-ħajja fuq il-gżira ta' Lewis għal mijiet ta' snin. Dawn il-kultivaturi ma setgħux jiskartaw l-ebda biċċa laħam, allura kienu jieklu l-istess ikel kuljum sakemm jispiċċa. Il-pudini ipprovdew sors rikki ta' ħadid u kienu parti importanti ħafna tad-dieta ta' dawn il-kultivaturi u għadhom hekk għall-poplu ta' Stornoway.

Stornoway Black Pudding hija unika fis-sens li tuża biss dawn l-ingredjenti li ġejjin f'ordni ta' kwantità; xaħam ta' dam taċ-ċanga, dqiq tal-ħafur, basla, demm, melħ u bżar biż-żieda tal-ilma. Huma ħielsa minn kuluri artifiċjali, togħmiet, aġenti li jagħtu l-massa u preservattivi.

Bil-kuntrarju ta' pudini suwed reġionali oħrajn, ix-xaħam ta' dam taċ-ċanga huwa ingredjent maġġuri fi Stornoway Black Puddings. Ix-xaħam ta' dam huwa x-xaħam ta' madwar il-kliewi u flettijiet tal-ifrat. Idub f'temperatura baxxa ta' bejn 45-50 grad Celsius li jfisser li huwa faċli biex jintuża fil-forma solida għal produzzjoni tal-pudini iżda jinħall meta jitqiegħed fuq il-fwar jew bit-togħlija. Għalkemm ix-xaħam ta' dam huwa kważi mingħajr togħma huwa jtejjeb it-togħma tal-ingredjenti miżjuda u jagħmel is-sawra tal-pudini eħfef ukoll. Ħafna mill-pudini suwed reġionali huma magħmula mid-demm tal-ħnieżer. Stornoway Black Puddings madankollu jużaw demm tan-nagħaġ jew tal-baqar jew tal-ħnieżer, fejn id-demm jinkiseb mill-biċċerija lokali ta' fuq il-gżira meta possibbli.

Uħud mill-biċċiera ta' Stornoway li jiffurmaw parti minn Stornoway Black Pudding Producers' Association ilhom jagħmlu u jbiegħu l-pudini tagħhom sa mill-1931. Stornoway Black Pudding ilhom jiġu mibjugħa taħt dak l-isem sa minn dak iż-żmien. Il-biċċiera użaw l-isem Stornoway Black Pudding fl-ambitu ta' kooperattiva u fittxew li jżommu standards għoljin fil-produzzjoni u li jżommu r-rabtiet li jmorru lura għall-patrimonju Hebridean. Bħala riżultat il-pudina ħadet reputazzjoni li dejjem qed issir

aktar internazzjonali minħabba t-togħma u kwalità tagħha u issa hija magħrufa bħala waħda mill-aqwa pudini *gourmet* fir-Renju Unit. Il-prodott għamel it-tranżizzjoni milli jkun magħruf tradizzjonalment bħala platt ikel tipiku ta' dawn il-kultivaturi sabiex il-lum isir assoċjat ma' speċjalità tal-ikel magħrufa madwar id-dinja kollha.

Stornoway Black Pudding hija intrinsikament marbuta mat-turiżmu taż-żona, spiss mixtrija minn viżitaturi bħala tifikira jew "togħma tal-Gżejjer". Hemm rikonoxximent dinji tad-ditta u r-rabta lura għal Stornoway bħala ż-żona. Ħafna mill-kotba ta' gwida dwar l-Iskozja jsemmu l-Marag Dubh f'konnessjoni ma' Lewis. Bosta mijiet ta' entrati fuq Google wkoll isemmu din ir-rabta. Hebrides qed jesperjenzaw żieda fl-għadd ta' viżitaturi u l-industrija tat-turiżmu fiż-żona tgiebet permezz tas-suċċess tal-esposizzjoni fuq it-TV minħabba programmi bħal "Great Hebridean Escape" ta' Monty Hall. Il-pudina dehret fl-edizzjoni ta' Jannar 2010 tan-National Geographic u kienet parti essenzjali tal-"Homecoming Campaign" tal-2010 ta' Visit Scotland.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

<http://www.archive.defra.gov.uk/foodfarm/food/industry/regional/foodname/products/documents/stornoway-black-pudding-pgi.pdf>

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

